# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 217/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**PB**

**Vs**

**Dr.EB u b'digriet ta' din il-Qorti, isem l-intimat ghandu jaqra Dr.EB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' PB datat 8 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u disgha u sebghin (21.12.1979) u miz-zwieg taghhom twieldu erbgha ulied li llum huma adulti u indipendenti.*

2. *Illi l-konvenut ilu li abdika mir-responsabbilitajiet matrimonjali tant li huma ilhom aktar minn tletin (30) sena jghixu fizikament separati minn xulxin u separati de facto;*

3. *Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn u dan wara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, servizzi u ingurji gravi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli;*

4. *Illi minkejja tentattivi u sforzi da parti tal-attrici, minhabba inadempjenza da parti tal-konvenut, il-partijiet ma rnexxielhomx jilhqu ftehim konsenswali; u fl-fatt il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat sebgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (27.07.2018)*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, servizzi, u ingurji gravi, kommessi fuq martu; konsegwenza ta' liema tkisser irrimmedjabbilment;*

2. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-esponenti skond il-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda periodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara li bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

3. *Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mill-qliegh tal-intimat, jew minn kwalsiasi beneficcju socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

4. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat u ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-attur rikonvenzjonat fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

5. *Tassenja lir-rikorrenti dik il-propjeta' mmobbli mill-komunjoni li l-Qorti jidhrilha xieraq u f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament f'dak il-fond li l-Qorti jidhrilha opportun vita durante, ad esklussjoni tar-ragel konvenut;*

6. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

7. *Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha ser jirrizultaw waqt tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

8. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz il-komminjazzjoni li tilef kull frott li jiret lill-esponenti;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-Avukat EB, datata 24 ta' Otubru, 2018, a fol 10 et seqq;

Rat ir-risposta guramentat tal-intimat konvenut l-Avukat EB, datat 1 ta' Novembru, 2018, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok l- Intimat Konvenut ghandu titlu ufficjali rikonoxxut mill-Istat u frott ta' hidma ta' studju ta' snin twal, u ghalhekk ghall-korrettezza tan-nomentlatura l-Intimat ghandu jigi indirizzat skont l-istatus civili tieghu u cioe' bhala Dr.EB u fic-cirkostanzi l-Intimat Konvenut jitlob din il-korrezzjoni ufficjali minn din l-Onorabbli Qorti galadarba l-kollega Bernard Grech ta' numru 7, Triq Bezbizija fil-Mosta naqas milli jindirizza lill- kollega tieghu kif suppost mhux biss bhala rispett imma skont procedura formalment rikonoxxuta mill-Istat.*

2. *Illi l-Intimat Konvenut Dr.EB gie notifikat b'di il-Kawza Numru Referenzjali 217/2018 – JPG f'jum it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2018, fit-tmienja u tlieta w ghoxrin ta' filghodu, fi Triq l-Arcisqof kantuniera ma' Triq l- Ifran, mill-Marixxall John Dimech, u dan waqt li l-imsemmi Intimat Konvenut bhala Avukat kien sejjer lejn il-Qorti ghal hidmietu professjonali ta' dak il-jum.*

3. *Illi fic-cirkostanzi t-terminu biex tigi ntavolata din ir-Risposta Guramentata u jekk ikun il-kaz il-Kontro-Talbiet jghalaq skont il-procedura u skont il-ligi f'jum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018, fit- tlieta ta' wara nofsinhar, u minhabba l-fatt li l-Intimat regolarment ikollu jattendi l-isptar Mater Dei ghall-kura u stharrig fuq sahhtu minhabba l-attakk tal-qalb, l-emorogija, u kumplikazzjonijiet fl-istruttura ta' kif tahdem il-qalb, il-fwied u l-kliewi tal-istess Intimat, allura fic-cirkostanzi l-Intimat ha jiehu t-terminu li taghtih il-ligi biex jipprezenta u jikkonferma taht gurament ir- Risposta Guramentata u l-Kontro-Talbiet li l-istess Intimat fi hsiebu jaghmel f'din il-Kawza u dan strettament minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi Eccezzjonijiet in linea preliminari illi l-istess Intimat Konvenut fi hsiebu skont il-ligi li jissolleva.*

4. *Illi l-Intimat fi hsiebu li jiddefendi l-interessi tieghu huwa stess billi apparti milli jhaddan il-professjoni ta' Avukat awtorizzat biex jiprattika ta' Avukat, hadd daqsu ma jaf xi tfisser illi taghmel wiehed u tletin sena ma tara qatt lil uliedek, dejjem jekk uliedek huma tieghek, ma tircievi ebda komunikazzjoni da parti tar-Rikorrenti Attrici jew minghand l-istess uliedek (dejjem jekk huma tieghek), u umbaghad wara wiehed u tletin sena, meta z-zewg nahat bdew il-fazi tal-anzjanita', tinfetah din il-Kawza u qisu ma gara xejn b'hafna pretenzjonijiet frivoli, vessatorji, u fiergha, li lanqas jaghmlu dehen ghad-dinjita' tal-bniedem illi tipretendi li ma taghtix kaz in-naha l-ohra ghal wiehed u tletin sena umbaghad li jkollok xi jeddijiet li tigi wiehed u tletin sena wara u taghmel Talbiet qisu dak li gara kien ilbierah jew ilbierah t' lura : din hija sitwazzjoni li trid tigi nvestigata minn din il-Qorti billi l-Qorti mhix qeghda hawn biex tintuza bhala kapricc minn min wara li ghix hajtu kif ried u kif xtaq, kif ghamlet ir-Rikorrenti Attrici, issa tipretendi li trid tkun taf kif qatta' hajtu l-Intimat Konvenut Avukat f'dawn il-wiehed u tletin sena li ma thalliex jara lil uliedu tant illi kieku ghall-grazzja tal-argument l-ulied ikunu fl-awla fil-mument illi tkun qed tinstema' l-Kawza, l-Intimat lanqas ikun f' qaghda li*

*jaghraf min huma dawn l-istess uliedu 'il ghaliex litteralment ma rahomx aktar f' perjodu ta' wiehed u tletin sena ghajr ghat-tifel il-kbir KB, li twieled fl-14 ta' Dicembru, tas-sena 1980 u llum ghandu l-eta' ta' tmienja u tletin sena li jghalaqhom proprju fl-14 ta' Dicembru tas-sena 2018.*

## ***Eccezzjonijiet In Linea Preliminari***

5. *Illi in linea preliminari n-nullita', l –invalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' u effettivita' ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern u dan billi l-Ligi Nostrana tesigi li qabel ma tigi ntavolata Kawza trid issir il-Procedura hekk imsejha tal-Medjazzjoni (Vide A.L. 397/2003), liema Procedura tidher li ma saritx fil-kaz odjern billi l-Intimat Konvenut qatt ma gie notifikat biex jattendi ghal ebda Seduta ta' Medjazzjoni, u lanqas jidher illi hemm xi Digriet jew Awtorizzazzjoni minn din il-Qorti Civili : Sezzjoni tal-Familja biex ikun hemm il-prosegwiment ghall-Kawza odjerna. Illi dan qed jigi sottomess billi ma gew esebiti ebda dokumenti mal-kopja tal-Kawza li fiha hames faccati li biha gie notifikat l-Intimat Konvenut, u ghaldaqstant qed jigi sottomess in linea preliminari li din il-Kawza hija assolutament nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli billi ma stradatx ruhha in konformi ma' dak li tirrikjedi l-ligi relatat mal-procedura ta' Medjazzjoni u d-Digriet jew Awtorizzazzjoni biex ikun hemmil-proceduri halli tkun tista' tigi ntavolata din il-Kawza : Dan fl-inkwadratura li jidher car mill-kopja li rcieva l-Intimat Konvenut li ma gew esebiti ebda dokumenti ma' din il-Kawza, dokumenti illi huma mehtiega u li huma tant importanti illi l-istess artiklu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tesigi fis-sub-artiklu (2) tal-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi "flimkien mar-Rikors Guramentat ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba" : Dan ma sarx u ghaldaqstant din hija l- ewwel Eccezzjoni in linea preliminari li l-Kawza, dan ir-Rikors Guramentat huwa null u nvalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli. Bl-akbar umilta', l-Intimat Konvenut jitlob lil din il- wisq Onorabbli Qorti biex taghti decizjoni formali relatata ma' din l-Eccezzjoni in linea preliminari.*

6. *Illi in linea preliminari n-nullita', l-invalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern u dan a bazi ta' artiklu 156 sub-artiklu (1)*

*tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

7. *Illi Artiklu 156 sub-artiklu (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sub-inciz (a) jaghmilha cara illi r-Rikors Guramentat ghandu jitlesta mill-Attrici u jkun fih "Dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-Kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba taghha u jiddikjara wkoll liema fatti hija taf bihom personalment". Umbaghad hemm is-sub-inciz (b) ir-raguni tat-Talba f'artiklu 156 sub-artiklu (1), u dan huwa evidentament nieqes fir-Rikors Guramentat tar-Rikorrenti Attrici billi din id-Dikjarazzjoni ma hijiex qeghda hemm.*

8. *Illi kif ammess mill-istess Rikorrenti Attrici, ghad illi zbaljata f'sena, il-Kontendenti Partijiet qatt ma kkomunikaw ma' xulxin, jew raw lil xulxin, jew b'xi mod saru xi sforzi diretti jew indiretti biex dawn il-Konjugi jiltaqghu. Illi tant hu hekk illi l-Intimat Konvenut lanqas biss kien jaf jekk ir-Rikorrenti Attrici ghadhiex hajja jew le, fejn kienet qeghda toqghod, x' sar mit-tfal dejjem fuq il- premessa li dawn huma tieghu, u incidentalment kien hemm hamest itfal u mhux erbat itfal kif tenniet l-istess Rikorrenti Attrici, u allura wiehed kien jistenna dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l- oggett tal-Kawza f' paragrafi numerate separatament, meta effettivament din ma hijiex dikjarazzjoni imma akkuza fil-konfront tal-Konvenut li naturalment il-Konvenut jichad billi ma huwa minnu xejn illi saru kif jinghad fil-paragrafu (4) fl-ewwel faccata ta' din il-Kawza li saru tentattivi u sforzi da parti tal-Attrici biex ikun hemm xi laqgha, u dan meta l-Intimat ghall-ewwel tlettax –il sena minn mindu inqatghet il-komunikazzjoni ripetutivament ipprova jmur halli jara lit-tfal tieghu, dejjem jekk huma tieghu, u jibghatilhom kartolini f'eghluq zmienhom u fil-Milied, liema kartolini u tentattivi ta' access kollha gew ikkonfrontati f' okkazjonijiet anka b'incidenti serji fejn kellha tiddahhal il-pulizija. U kwindi wara tlettax –il sena ta' din ic-cirkostanza mahluqa mir-Rikorrenti Attrici, l-Intimat iddecieda li jaqta' linja u jibda jghix il-hajja tieghu, l-ewwel u qabel kollox billi l-Intimat xtaq illi jkollu xi wild li jkun jista' jsejjahlu tabilhaqq jew isejhilha tabilhaqq ibnu jew bintu peress illi t-tfal da parti tar-Rikorrenti Attrici mal-Intimat Konvenut, dejjem jekk huma kollha tal-istess Intimat Konvenut, u minn dawn kien hemm hamsa jerga' jigi ripetut u*

*mhux erbgha, peress li dawn it-tfal ukoll ma thallewx b'agressjoni u bi vjolenza da parti tar-Rikorrenti Attrici, u missierha llum mejjet Turu Vassallo li kellu l-isem ta' Arthur u li kien bniedem li proprju kien strumentali biex farrak ir-relazzjoni bejn ir-Rikorrenti u l-Intimat, imma llum dan huwa kollu acqua passata 'il ghaliex l-Intimat da parti tieghu ma ghandu ebda interess, lanqas farka fir-Rikorrenti Attrici, u kif din ghazlet li tghix hajjitha ghal wiehed u tletin sena shah minghajr ma kkomunikat, ikkuntattjat, b'xi mod ghamlet xi sforz biex tavvicina lill-Intimat almenu fl-interess tal- ulied biex dawn ma jibqghux deprivati minn missierhom, ir-Rikorrenti Attrici ghixet hajjitha u l-Intimat halliha taghmel dan. Allura dan igib fix-xejn it-tieni paragrafu, it-tielet paragrafu u r-raba' paragrafu fir-Rikors Guramentat ta' PB llum ta' sitta u sittin sena u naturalment l-Intimat jinsisti fuq din l-Eccezzjoni ta' nullita', invalidita', nuqqas ta' enforzabilita' w effettivita' a bazi tal-artiklu 156 sub-artiklu (1) u diversi sub-incizi partikolarment sub-inciz (a) u sub-inciz (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

9. *Illi mela din it-Tieni Eccezzjoni in linea preliminari din il-wisq Onorabbli Qorti hija mitluba wkoll li tiddetermina u tiddeciedi fil-parametri ta' dak kollu li tipprovdi l-ligi u b'kull decizjoni li tinghata din issir bil-miftuh fl-Awla fejn tkun qed tipresjedi din il-wisq Onorabbli Qorti.*

***<u>It-Tielet Eccezzjoni in Linea Preliminari</u>***

10. *Illi t-tielet Eccezzjoni in linea preliminari tirreferi ghas-sub-artikolu (2) tal-artiklu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddetermina bl-aktar mod enfatiku li "flimkien mar-Rikors Guramentat ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba", u jirrizulta car mill-Kawza tar-Rikorrenti Attrici li kien fiha hames faccati u li allegatament inhalfet fis-7 ta' Awwissu tas-sena 2018 quddiem il-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut, li ma gew esebiti ebda dokumenti da parti tar-Rikorrenti Attrici u li jidher car li din il-Kawza hija sempliciment "fishing expedition" illi wara li r-Rikorrenti Attrici ghal wiehed u tletin sena shah ghixet kif riedet, hawdet ma' missierha u terzi persuni fi flus u proprjeta' li hija akkwistat jidhru li dawn ha jtellfu mid-drittijiet tal-Intimat Konvenut ghal dak li huwa sehemu billi saru taht forma kapriccuza ghat-taparsi ta' Donazzjonijiet u*

*Titli ohra li kollha fic-cirkostanzi jigu kkontestati mill-Intimat Konvenut, ir-Rikorrenti Attrici qisha qeghda tipretendi li wara wiehed u tletin sena li ma habblet rasha xejn x' kien qed jigri mill-Intimat Konvenut u cahditu mit-tfal jekk it-tfal huma tieghu u meta kien qed imut lanqas biss tat kaz, issa ghax il-Mulej ta l-grazzja lill-Intimat Konvenut baqa' haj u qaghdu qed jirsisti biex jiehu hsieb ghall-affarijiet tieghu billi fid-dinja trid tghix biex tibqa' haj, issa ghamlet din il-Kawza minghajr ma forniet ebda dokumentazzjoni, imma qeghda tipretendi li l-Intimat Konvenut ha jivversalha dettalji li suppost ressqithom bi provi l-istess Rikorrenti Attrici. Il- ligi hija cara w ghaldaqstant it-tielet Eccezzjoni in linea preliminari dwar in-nullita', l-invalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' w effettivita' ta' din il-Kawza odjerna.*

11. *Illi f'din l-inkwadratura is-sub-artiklu (2) tal-artiklu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li minghajr il-prezentazzjoni ta' certu Dokumenti importantissimi u mehtiega, Kawza ta' dan it-tip, u dan minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari l-ohra, ma hijiex valida u lanqas ma tista' qatt tigi enforzata u dawn id-Dokumenti jinkludu dokumenti bhal Certifikat Ufficjali taz-Zwieg, debitament awtentikat, bejn il-Kontendenti Partijiet, l-Awtorizzazzjoni mill-Qorti Kompetenti biex setghet tigi ntavolata din il-Kawza u Dokumenti ohra li l-bniedem li suppost ta parir lir-Rikorrenti Attrici wiehed jifhem li kien jaf bihom, u ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tigi mitluba biex taghti Decizjonijiet ukoll dwar dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari wkoll, billi kif tista' tigi ipronunzjata Firda Legali minghajr ma ghandna d-Dokument li jistabilixxi li l-ewwel u qabel kollox il-Kontendenti Partijiet kif indikati kienu effettivament inghaqdu fiz-zwieg? Illi l-Qorti bla dubju ta' xejn tifhem dwar il-gravita' ta' dawn ic-cirkostanzi, is-serjeta' ta' dawn il-proceduri u kif qed jissottometti l-Intimat Konvenut din il-Kawza hija ntiza biss ghal raguni wahda u cioe' "fishing expedition" biex wara li r-Rikorrenti Attrici ghamlet li riedet ghal wiehed u tletin sena shah, immanuvrat hi u familjari taghha kif ser jeliminaw kompletament lill-Intimat Konvenut mhux biss billi cahhduh minn uliedu li ilu ma jarahom aktar minn wiehed u tletin sena, imma sahansitra issa jridu illi wara li huma rrangaw biex il-finanzi tar-Rikorrenti*

*Attrici minghaliha jkunu fis-sod u fejn l-Intimat Konvenut ma jkunx jista' b'xi mod jibbenefika minnhom, issa jridu li l- mibeghda u l-vendetta kontinwa ta' dawn is-snin kollha issa jenforzawha fuq l-Intimat Konvenut permezz tal-proprjeta' li ghandu l-istess Intimat Konvenut u li huwa wiret b'mod parafernali u li allura ovvjament u anka skont il-ligi r-Rikorrenti Attrici ma ghandha ebda dritt fuq il-proprjeta' parafernali tal-istess Intimat Konvenut, ghad illi jekk qed tahseb hekk ir-Rikorrenti Attrici, allura daqstant ghandu drittijiet l-Intimat Konvenut u huwa ghalhekk li t-Talbiet fiergha u vessatorja tar-Rikorrenti Attrici saru b'mod illi minn naha jew ohra l-Intimat Konvenut jigi eskluz minn kollox waqt illi ghal wiehed u tletin sena shah il-fatt li r- Rikorrenti Attrici abbandunat lill-Intimat Konvenut, ma taghtu ebda access ghall-istess uliedu u dejjem jekk dawn huma uliedu, u hawlet u ddecidiet fuq il-hajja taghha u ta' ulied il-Kontendenti jekk huwa l-kaz kif riedet hi u l-familjari taghha, issa bil-wicc tost kollu wiehed u tletin sena wara qed tigi taghmel din il-Kawza odjerna. Ghalhekk l-Intimat Konvenut qieghed b' sens ta' gustizzja jinsisti fuq Decizjonijiet ufficjali dwar dawn l- Eccezzjonijiet in linea preliminari.*

12. *Illi r-Raba' Eccezzjoni in linea preliminari hija a bazi tas-sub-artiklu (4) tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghmilha mill-aktar kategorikament cara li r-Rikorrenti Attrici kellha taghti mad-dikjarazzjoni li ma ghamlitx l-ismijiet tax-xhieda lit kun fi hsiebha ggib, filwaqt li tiddikjara dwar kull wiehed minnhom x' fatti u xi prova bi hsiebha taghmel bix-xiehda taghhom. U jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tara l-lista interminabbli ta' xhieda indikati mir-Rikorrenti Attrici mhux biss hija bi ksur deliberat tas-sub-artiklu (4) tal-artikolu 156, imma qeghda taghmel ukoll pretenzjonijiet li jmorru kontra l- etika professjonali (u fuq dan il-punt l-Intimat Konvenut fi hsiebu li jaghmel ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja biex tinvestiga lil Dr.BG li dawn l-affarijiet huma kunfidenzjali u privati u bl-ebda mod ma huma affari tar-Rikorrenti Attrici bhal per ezempju n-numru 7 fil-Lista tax-Xhieda, li certament ir-Rikorrenti Attrici u Dr BG ma ghandhom bl-ebda mod jipretendu xi koperazzjoni da parti tal-Intimat Konvenut billi dan huwa marbut bis-sigriet professjonali u l-kunfidenzjalita' tal- klijentela a bazi tad-Data Protection Act, u diversi referenzi ohra bhal per ezempju diversi indikazzjonijiet vagi li minghajr*

*ebda dettalji r-Rikorrenti Attrici u Dr BG qed jipretendu li jkunu fornuti bihom u li certament u bil-gurament tieghu l-Intimat qed jiddikjara li zgur mhu ser ikun hemm ebda koperazzjoni fuq dan il-punt, billi dan huwa ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-Intimat (li a bazi taghhom huwa lest li jiehu dan il-kaz quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-livelli kollha fil-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta w anka jekk ikun hemm bzonn fil-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu), billi jidher car li la r- Rikorrenti Attrici u lanqas min assistiha ma ghandhom apparentament ideja li l-ligi tiprotegi l-etika professjonali, is-sigriet professjonali, il-protezzjoni tad-data w affarijiet li jikkoncernaw terzi persuni li fl-inkwadratura tal-hajja professjonali w anka privata tal-istess Intimat Konvenut ir-Rikorrenti Attrici ma ghandha ebda dritt li tkun taf dawn id-dettalji, aktar u aktar meta tqies illi ghal wiehed u tletin sena shah ir-Rikorrenti Attrici lanqas biss indenjat ruhha b'xi mod thajjar lil ulied l-Intimat (dejjem jekk huma tieghu) illi jmorru jaraw min hu missierhom. U allura f' din l- inkwadratura certament ir-Rikorrenti Attrici qeghda tikser l-istess procedura li tirregola kif isiru l-Kawza.*

13. *Dik kienet ir-Raba' Eccezzjoni in linea preliminari fejn l-Intimat qed jeccepixxi n-nullita', l-invalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' w effettivita' tar-Rikors Guramentat tal-istess Rikorrenti Attrici u bl-ghajnuna ta' Alla l-Intimat fi hsiebu li jaghmel uzu mija fil-mija mill-ligi biex dan l-abbuz da parti tar-Rikorrenti Attrici u BG jigi kkontrollat mill-istess ligi f' kull livell taghha li tista' tinkludi apparti mill-Qorti tal-Appell, Qrati Kostituzzjonali w anka Rikors ghall-Qorti fi Strasburgu biex il-gustizzja tigi mharsa u l-interessi li l-gustizzja trid tidher li qed issir jigu salvagwardati u mhux abbuzati kif kjarament qeghda taghmel ir-Rikorrenti Attrici u BG li jidher li qieghed itiha dawn il-pariri.*

14. *Illi l-Hames Eccezzjoni in linea preliminari tirreferi ghas-sub-artikolu (7) tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn "ir-Registratur ma ghandu jircievi ebda Rikors Guramentat li ma jissodisfax l- elementi tas-sub-artiklu (1) u l-Qorti ma ghandha thalli lil ebda xhud jingieb sakemm dan ma jkollux ismu imnizzel flimkien mar-Rikors : li dan jidher car illi ma sarx u dan meta tqies*

*li r-Rikorrenti Attrici ghal wiehed u tletin sena shah qatt ma kkomunikat mal-Intimat Konvenut, qatt ma taghtu sodisfazzjon x' kienet qeghda taghmel u t-tahwid bejnha u bejn missierha (billi ommha mietet fl-ewwel snin ta' dan l –allegat zwieg bejn il-Kontendenti Konjugi billi l-Intimat Konvenut isostni li dan qatt ma kien zwieg), u fic-cirkostanzi ghandu jkun hemm investigazzjoni wkoll dwar din l- Eccezzjoni li qeghda tissottometti li r-Rikors Guramentat huwa null u nvalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli anka fl-inkwadratura tas-sub-artiklu (7) tal-artiklu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

15. *Illi fic-cirkostanzi dan jissostanzja t-tezi tal-Intimat Konvenut li din il-Kawza hija biss "fishing expedition" billi wara li r-Rikorrenti Attrici ta' sitta u sittin sena ghamlet dak li kellha taghmel u akkwistat taht diversi manuvrar flus u proprjeta' li ppruvat tahbihom taht diversi titoli, u li jekk ikun il –kaz l-Intimat Konvenut dan bi hsiebu jinvestigah u jiehu passi aproprji mal-Awtoritajiet Kompetenti fuq dan l-abbuz da parti tar-Rikorrenti Attrici, ir-Rikorrenti Attrici ghazlet li tohloq lista interminabbli ta' Istituzzjonijiet biex din minghaliha trid tkun taf il- linja tal- hajja li fiha ghix l- Intimat Konvenut ghal wiehed u tletin sena shah li hija ma kkomunikat xejn mal-Intimat Konvenut, li suppost kien zewgha, anka jekk l-Intimat Konvenut isostni li dan iz-zwieg effettivament qatt ma kellu bazi la fil-ligi u lanqas bhala stat ta' fatt billi kien monk ghal diversi ragunijiet li jigu mgharbula jekk ikun il-kaz jew a dirittura jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet illi issa ormai wasal iz-zmien illi dan iz-zwieg jigi mahlul permezz tal-Procedura tad-Divorzju.*

16. *Premess illi l-Intimat Konvenut Dr.EB qieghed umilment jitlob ghaldaqstant lil din il-wisq Onorabbli Qorti li l-ewwel u qabel kollox ghandhom jigu sorvolati dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari, b'Decizjonijiet li taghti din il-wisq Onorabbli Qorti fl-Awla stess u cioe' bil-miftuh, biex ma jigux pregudikati d-drittijiet tal-Intimat Konvenut ghal Rikors lejn Qrati ohra li jistghu ikunu l-Qorti tal-Appell, il-Qrati Kostituzzjonali, u l-Qorti fi Strasbourg biex proprju din l-ingustizzja li r-Rikorrenti Attrici u min qed jaghtiha parir qed jipruvaw jimponu fuq l-Intimat Konvenut wara li l-Intimat Konvenut safa abbandunat ghal wiehed u tletin sena shah, jigu*

*rimedjati u konfortati mit-trasparenza tal-gustizzja fil-parametri tal-ligijiet ta' Malta, dawk tal-Unjoni Ewropeja, u d-diversi Sentenzi moghtija mill-Qorti tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu sitwat fi Strasburgu, parti mill-Ewropa.*

**Eccezzjonijiet ohra fuq il-mertu**

17. *Illi Eccezzjonijiet ohra li l-Intimat Konvenut qed jissolleva u jikkonferma bil-gurament tieghu sejrin jigu hawn sottomessi, minghajr pregudizzju ghall-Kontro-Talbiet li l-Intimat Konvenut fi hsiebu jaghmel inkluz Lista ta' Xhieda li l-istess Intimat Konvenut izomm id-dritt li jiproduci, pero' dan biss jekk ikun il-kaz wara li jigu decizi l-Eccezzjonijiet in linea preliminari, u dan biex l-istess Konvenut ma jkunx komplici mar-Rikorrenti Attrici u min qed jaghtiha parir dwar dawn l-illegalitajiet fir-rigward ta' kif giet intavolata din il-Kawza u l-abbuzi li saru mill-artiklu ewlieni li jirregola x'ghandu jkun fih ir-Rikors Guramentat ta' kull Attur jew Attrici, u jidher car li r-Rikorrenti Attrici hafna minn dawn direttivi moghtija mill-ligi gew miksura vjolentament mill-istess Rikorrenti Attrici u/jew min taha l-parir kif isir ir-Rikors Guramentat kif illum indikat.*

18. *Illi Eccezzjonijiet ohra illi qed jissolleva l-Intimat Konvenut jirreferi ghall-fatt illi ghajr ghall-ewwel paragrafu fl-ewwel faccata mahluf allegatament fit- 8 ta' Awwissu, 2018 ta' din il-Kawza, huwa minnu li allegatament il-partijiet inghaqdu fiz-zwieg nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-ena elf, disa' mija u disgha u sebghin (21.12.1979) u dan wara li l-Intimat Konvenut kien hassar id-data originarjament iffissata taz-zwieg tal-15 ta' Dicembru tal-1979, billi nqalghalu impenn personali aktar importanti milli jidhol fiz-zwieg mar-Rikorrenti Attrici, u dan wara li l-Kontendenti kienu ilhom minn Lulju tas-sena 1968 li bdew johorgu flimkien minn zmien ghal zmien, mhux regolarment imma minn zmien ghal zmien.*

19. *Illi kienet saret pressjoni fuq l-Intimat Konvenut illi ma setax ikompli jistenna iz-zmien biex jiddeciedi iridx jizzewweg jew le lir-Rikorrenti Attrici, u biex jehles minn din il-pressjoni, l-Intimat Konvenut accetta illi fil-15 ta' Dicembru tas-sena 1979 isir iz-zwieg sakemm inqalghalu impenn iehor ferm*

*aktar importanti miz-zwieg, u l-Intimat Konvenut iddecieda li l-allegat zwieg isir gimgha wara, fil-21 ta' Dicembru, 1979, fil-Kappella ta' San Alwigi, fejn l-Intimat Konvenut qatta' tmien snin sbieh jghix bhala 'border' mal-Gizwiti. Illi l-allegat zwieg kienu presedew fuqu tliet qassisin illum it-tlieta li huma mejta u cioe' Fr Anton Azzopardi u Fr Victor Xuereb, kif ukoll il-Vikarju Generali Monsinjur Annetto Depasquale li kien ghallem il-Ligi Kanonika lill-istess Dr.EB.*

20. *Illi dan iz-zwieg dejjem taht il-verifikazzjoni tal- paternita' tal- filjazzjoni kif intqal aktar 'il fuq, ipproduca erbat itfal u tifla ohra li giet qabel iz-zwieg u li llum hija addottata u li fic-cirkostanzi l-Intimat Konvenut partikolarment ghall-ewwel tliet itfal qatt ma halla xejn illi dawn kellhom htiega ghaliha, u dan minkejja sagrificcji kbar da parti tal-istess Intimat Konvenut kif naturalment jigi imfisser bl-aktar mod dettaljat fil-mori ta' din il-Kawza : illi t-tifla CB, l-Intimat Konvenut ma thalliex jaraha li titwieled u din twieldet fis-seat ta' wara tal-karozza ta' missierha meta f'Novembru tas-sena 1987, din it-tarbija twieldet fi triqtha lejn Karen Grech Hospital fl-Isptar San Luqa, f' karozza misjuqa minn missier ir-Rikorrenti u r-Rikorrenti Attrici fuq in-naha ta' wara tal-karozza. Dan kif gharrfu lil Dr.EB diversi tobba partikolarment il-mibki illum mejjet Professur Anglu Psaila li kien spjega lil Dr.EB li kien hemm diffikultajiet kbar biex jirregistraw lil CB li twieldet l- Isptar u allura fic-Certifikat tat-Twelid taghha irregistrawha bhala li twieldet fil-madwar tal-isptar San Luqa. U dan biex din il-Qorti tifhem kif il-hajja tat-tifla zghira giet ipperikolizzata minhabba s-supervja u l-eghbusija ta' missier ir-Rikorrenti Attrici li preferew li jaghmlu dan imbasta l-Intimat Konvenut ma jkunx prezenti fit-twelid tat-tifla z-zghira, dejjem jekk kienet tal-Intimat Konvenut, kif gara fil-fatt fit-tliet itfal l-ohra illi twieldu, cioe' KB, NB, u IB ghal liema tliet twelidijiet l-Intimat Konvenut kien prezenti bl-entuzjazmu w energija kollha illi missier huwa mistenni li jkollu.*

21. *Premess illi l-problema ewlenija kienet illi l-Intimat Konvenut ghamilha cara lir-Rikorrenti Attrici li huwa ma jridx indhil partikolarment minn missierha fit-tmexxija ta' din il-familja l-gdida, haga li ma nizlitx tajjeb ma'*

*missierha li ghamel minn kollox biex effettivament ifarrak dan iz-zwieg anka b' atti vjolenti u rapporti lill-pulizija kontra l-istess Intimat Konvenut.*

22. *Illi lanqas ghac-cerimonji tal-Precett u l-Grizma ma l- Intimat Konvenut gie mgharraf u effettivament f' okkazjoni minnhom l-Intimat Konvenut sar jaf indirettament li kien ser ikun hemm din ic-cerimonja fl-iskola dak iz-zmien St. Joseph ta' Hal Balzan, u l –Intimat Konvenut mar biex jara tnejn mit-tfal tieghu jaghmlu dawn ic-cerimonji u spicca assaltat mill-istess Rikorrenti Attrici u missierha, anka b'mod li lanqas hallewh jiehu ritratti ta' dawn is-suppost uliedu.*

23. *Premess illi din hija biss farka tal-isfond illi l-Intimat Konvenut sab lilu nnifsu fih meta dan kien dejjem imdorri jghix hajja ta' certu indipendenza mal-genituri tieghu, taht dixxiplina stretta pero' bl-gharfien tal-kuncett illi l-hajja konjugali ghandha tkun ta' bejn il-koppja suppost mizzewgin u li ma ghandu jkun hemm ebda indhil minn ebda terza persuni.*

24. *Premess illi dan l-allegat zwieg mexa bit-turbulazzjonijiet tieghu kollha imma b'mod accettabbli sakemm mietet omm ir-Rikorrenti Attrici li kien jisimha AV nee' P, minn X Ghawdex, u li din il-mara kienet taghmel hilitha biex ma tindhalax fil-hajja ta' mizzewga ta' bejn bintha u l-Intimat Konvenut. Illi meta sfortunatament mietet ta' eta' relattivament zghira bil-cancer, l-inkwiet u l-irwiefen kollha bdew 'il ghaliex missier ir-Rikorrenti Attrici ARV ried jaghmel minn kollox biex proprju jkisser dan iz-zwieg, anka jekk dan kien allegat zwieg. U minn hemm beda l-hafna inkwiet illi b'rizultat ta' dan l-Intimat Konvenut ma kien baqghalu ebda triq ohra ghajr illi jdabbar rasu billi dan it-tip ta' zwieg kien ser ifisser l-irvina tal-karriera professjonali tal-istess Intimat Konvenut, inkluz dik politika w anka ta' hajja iddedikata ghat-tifrix ta' xandir edukattiv.*

25. *Illi minn hemm sfortunatament inqatghu kull forma ta' kuntatt bejn ir-Rikorrenti Attrici u l-Intimat Konvenut, billi l-Intimat Konvenut gie mwissi biex ma jaghmel ebda kuntatt aktar mar-Rikorrenti Attrici, u meta b'dieqa kbira l-Intimat Konvenut kien jipprova jmur biex ikollu mqar harsa zghira lejn uliedu, kien jispicca agredit inkluz anka bi tfiegh ta' barmil mimli urina*

*illi r-Rikorrenti Attrici kienet tefghatlu fir-residenza li hija kienet tokkupa f'Y f'dar jisimha W, dar illi l-Intimat Konvenut kien nefaq fiha kull ma kellu u kull ma lahaq kien gemma' biex jirranga din id-dar minn fuq sa isfel u anka jibni kamra fuq il-bejt biex ir-Rikorrenti Attrici jkollha l-kumditajiet kollha fejn tkun tista' tahsel l- affarijiet rikjesti ghall-familja li kienet qeghda tikber u naturalment ta' dawn l-eluf ta' Liri Maltin li l-Intimat Konvenut sab lilu nnifsu jonfoq fuq din id-dar li fl-ahhar mill- ahhar ma kienetx tieghu imma kienet proprjeta' ta' missier ir-Rikorrenti Attrici, ta' dan l-Intimat Konvenut f'kull kaz jipretendi jekk ha nibqghu sejrin, u dan qed jinghad bir-rispett kollu, b'din il-procedura totalment illogika u li ma taghmilx sens wara wiehed u tletin sena ta' qtugh assolut bejn il-Partijiet, imma jekk nigu ghall-kaz l-Intimat Konvenut jipretendi kumpens ghal dawn il-flus Liri Maltin li huwa kien nefaq u zborzja minn dak kollu li kellu f'dawk iz-zminijiet.*

26. *Illi dan kollu qed jinghad fil-qosor, u jigi elaborat fil-mori tal-Kawza w anka fil-Kontro-Talbiet skont il-procedura ta' kif ghandha titmexxa l-Kawza, imma dan juri li l-insinwazzjonijiet u l-allegazzjonijiet fit- tieni u fit-tielet u fir-raba' paragrafi, fl-ewwel erba' paragrafi tal-Kawza tar-Rikorrenti Attrici ma huma minnhom xejn, apparti milli jivvjolaw b'mod car dak li tghid il-Ligi u cioe' fatti cari biex ir-Rikorrenti Attrici ssahhah it-Talbiet taghha u tiddikjara wkoll liema fatti hija taf bihom personalment, meta dan ma ghamlitux f'dawn l-ewwel erba' paragrafi w ghalhekk is-sottomissjoni tal-Intimat Konvenut illi din il-Kawza hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enfrozabbli.*

***<u>Talbiet tar-Rikorrenti Attrici</u>***

27. *Illi fic-cirkostanzi u strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari u dawn l-Eccezzjonijiet li qeghdin jigu sollevati inkluz ir-realta' li dan iz-zwieg jista' fil-fatt qatt ma kellu jkun meqjus bhala zwieg, l-Intimat Konvenut jifhem illi fl-inkwadratura tal-ligi ikun gust jekk formalment dan iz-zwieg jigi mahlul permezz tad-Divorzju w effettivament fil-Kontro-Talbiet tieghu l-Intimat Konvenut kif ghandu dritt jaghmel skont*

*il-ligi sejjer jitlob formalment illi wara wiehed u tletin sena ta' nuqqas ta' komunikabilita' bejn il-Kontendenti Partijiet, ma baqa' ebda bazi jew logika li din ir-rabta ssejhilha zwieg meta effettivament ghal aktar minn wiehed u tletin sena qatt ma kien hemm ebda forma ta' kuntatt bejn il-Kontendenti u lanqas bejn l-allegati ulied tal-Intimat Konvenut u missierhom, tant illi ghandna s-sitwazzjoni tal-biki u drammatika li l-Intimat Konvenut ma jafx u ma jgharafx min huma dawn is-suppost tfal tieghu ghajr forsi t-tifel KB li wara tlettax –il sena li ma kienx rah, gie minn jeddu ghand missieru l-Intimat Konvenut u waqt illi l-Intimat Konvenut lil dan it-tifel qallu kemm qed niehu pjacir narak wara tlettax –il sena, ir-reazzjoni ta' dan it-tifel kienet fir-rigward ta' missieru biex jiehu sehemu minghand l-Intimat Konvenut minghajr biss ma ndirizzah bhala daddy jew missier : sa dan il-livell gabithom ir-Rikorrenti Attrici u missierha li diga' kien romol imma li kien karattru vendikattiv u ried ghal kollox jeqred din ir-rabta jew din ir-relazzjoni li tista' ssejhilha zwieg imma effettivament qatt ma kien zwieg bejn  il-Kontendenti Partijiet.*

28. *Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjoni in linea preliminari fuq sollevata relatata mas-sub-artiklu (4) tal-artiklu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, f'din l-inkwadratura kif qed jigi sottomess mill-Intimat Konvenut, l-Ewwel Talba kif impostata ghandha tigi michuda kemm fuq bazi legali billi ma hemm ebda referenza dokumentata kif tesigi l-ligi ghaz-zwieg li sar bejn il-Kontendenti Partijiet, imma ghall-grazzja ta' l-argument dak li r-Rikorrenti Attrici qed tipprova titfa' dell ikrah fuq l-Intimat Konvenut ghandu jigi attribwit lill-istess Rikorrenti Attrici u min influwenzha kif jigi elaborat fil-mori ta' din il-Kawza jekk sfortunatament din il-Kawza tibqa' miexja, u dan ghall-mod kif agixxiet fil-konfront tal-Intimat Konvenut u li allura kienet l-istess Rikorrenti Attrici li minn jeddha u kif influwenzata ikkommettiet l-atrocitajiet kollha li qeghda tipprova titfa' fuq l-Intimat Konvenut, u fejn filwaqt li r-Rikorrenti Attrici qeghda titlob lill-Qorti tiddikjara u tipronunzja kontra l-istess Konvenut, dan effettivament u strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjoni in linea preliminari ghandu jigi attribwit lir-Rikorrenti Attrici kif jigi pruvat fil-mori ta' din il-Kawza.*

29. *Illi ma hemm ebda dubju li dan iz-zwieg jekk trid issejjahlu zwieg tkisser irrimedjabilment, billi da parti tal-Intimat Konvenut zgur lanqas biss irid li jerga' jghix din il-fazi ta' hajtu li bazwritlu l-idejali kollu li l-Intimat Konvenut kellu dwar xi xtaq jaghmel b'hajtu, imma ma hemm ebda dubju li jekk wiehed irid isejjah din ir-relazzjoni bhala zwieg, allura iva dan tkisser irrimedjabilment, zgur minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, anzi l-istess Intimat Konvenut qed jitlob illi tirrenja r-raguni u li dan iz-zwieg ikun hemm qbil li ghandu jigi dikjarat mahlul permezz tal-Procedura tad-Divorzju.*

30. *Illi certament u minghajr ebda pregudizzju ma hemm ebda kwistjoni li t-Tieni Talba ghandha tigi milqugha billi wara wiehed u tletin sena, fejn allura r-Rikorrenti Attrici akkwistat proprjeta', bieghet proprjeta', irceviet ammonti sostanzjali b'Donazzjoni u dan kollu kif sema' l-Intimat Konvenut dwar fabbrikazzjonijiet illi kienu qed isiru bejn ir-Rikorrenti Attrici u partikolarment missierha halli l-Intimat Konvenut ma jibbenefika minn xejn, biss jekk ir-Rikorrenti Attrici waslet s' hawn u mhux bi hsiebha li tkun ragjonevoli u taccetta li dan iz-zwieg qatt ma kien jew ghandu jigi mahlul f' kull cirkostanza, allura fic-cirkostanzi l-Intimat Konvenut jitlob ghall-provi kollha tal-abbuzi li saru fir-rigward tal-istess Intimat Konvenut mir-Rikorrenti Attrici u missierha sakemm kien ghadu haj, imma zgur fic-cirkostanzi ebda manteniment ma ghandu jkun dovut wara dawn is-snin kollha mill-Konvenut Intimat lir-Rikorrenti Attrici, apparti mill-fatt illi l-Intimat Konvenut illum huwa ragel anzjan, marid bil-konsegwenzi ta' attakk ta' qalb, emorogija massiva, dsatax –il flixkun demm fis-sistema tieghu, u investigazzjonijiet kontinwi l-isptar ghall- fwied, kliewi u naturalment qalbu. U allura ma hemm ebda rizorsi li minnhom l- Intimat Konvenut jekk fic-cirkostanzi jigi b'xi mod determinat li ghandu jaghti manteniment, li l – Intimat Konvenut isostni li dan ma ghandux ikun il-kaz, ma jista' jigi versat ebda forma ta' manteniment lir-Rikorrenti Attrici, anzi fic-cirkostanzi ghandha tkun l-istess Rikorrenti Attrici li tivversa manteniment lill-Intimat Konvenut, u li kienet l-istess Rikorrenti Attrici li bl-agir taghha kif influwenzata mill- mejjet missierha u terzi persuni li hi ddekadiet minn kull dritt li titlob ghal manteniment minghand il-Konvenut Intimat minghajr ma l-Konvenut jaccetta li r-Rikorrenti Attrici hija mart l-Intimat Konvenut, billi*

*ma tistax tkun logiku u tasserixxi li wara wiehed u tletin sena li ma tkun ghamilt ebda kuntatt ma' persuna ohra ghar-ragunijiet ta' vendikazzjoni, ta' pika u biex iccahhad lill-allegat missier ta' uliedek u dan ma jarahomx, ma jistax l-Esponenti jara l-logika ta' fejn jidhol il-manteniment b' agir daqshekk krudil, barbariku u mhux civilizzat da parti tar-Rikorrenti Attrici.*

31. *Mela l-ewwel zewg Talbiet tar-Rikorrenti Attrici ghandhom jigu michuda b'mod li jiffavorixxu lill-Intimat Konvenut u dan fic-cirkostanzi jgib mieghu ukoll ic-cahda tat-Tielet Talba 'il ghaliex evidentament l-Intimat jaghmel illum hidma stretta, hidma li thalli prattikament xejn qliegh, u mill-ftit qliegh li hemm huwa jrid jghix l-Intimat Konvenut fl-inkwadratura tal-hajja tieghu kif inhija mfassla llum.*

***<u>Ir-Raba' Talba Attrici</u>***

32. *lli fir-rigward tar-Raba' Talba tar-Rikorrenti Attrici f' pagna 2 ta' din il-Kawza li l-Intimat Konvenut qed jissottometti li skont il-ligi hija nulla u nvalida , mhux enforzabbli u ma tista' qatt tkun effettiva ghar-ragunijiet li nghataw fosthom id-diversi Eccezzjonijiet in linea preliminari turi kemm hija hazina s-sistema li juzaw certu Avukati ta' 'cut and paste' ghax jekk hemm Talba illi fl-akbar dimensjoni ta' mentalita' tista' titqies illi ma ghandha ebda bazi ta' logika fiha hija proprju r-Raba' Talba billi r-Rikorrenti Attrici ilha ma tikkomunika mal-Intimat Konvenut ghal wiehed u tletin sena shah, u nel frattemp hija ghamlet li riedet u hawdet specjalment sakemm kien ghadu haj missierha biex dak kollu li jsir jaghmluh taht umbrella li tahtha tkun protetta r-Rikorrenti Attrici biex proprju l-Intimat Konvenut jigi eskluz minn kollox : L-Intimat Konvenut jghix b' li ghandu u qatt f'dawn il-wiehed u tletin sena partikolarment wara li ghaddew l-ewwel tlettax –il sena minnhom fejn l-Intimat Konvenut accetta illi ma kienx ser jithalla jara lil uliedu sakemm ikun ghadu haj missier ir-Rikorrenti Attrici, umbaghad wara l-ewwel tlettax –il sena minn dawn il-wiehed u tletin, l-Intimat Konvenut qata' linja biex almenu ikun jista' jibqa' jghix, jahdem fil-professjoni li tant ihobb u jlahhaq ma' affarijiet ohra fis-socjeta' li l-Intimat Konvenut kien ikun involut fihom sakemm naturalment tah l-attakk tal-qalb qawwi u l–emorogija massiva f' Settembru tas-sena 2014 fejn allura il-hajja*

*tal-Intimat Konvenut inbidlet totalment, u ghad illi llum l-Intimat Konvenut ghadu jcekcek xi haga anka professjonalment, certament taht l- ebda cirkostanzi ma jimmerita anka a bazi ta' l- logika li l-Intimat Konvenut jivversa xi forma ta' manteniment lir-Rikorrenti Attrici li ghal wiehed u tletin sena shah ma ghamlet ebda forma ta' kuntatt mal-Intimat Konvenut u lanqas hallietu jara dawk li suppost huma uliedu, l-istess ghal dak li huwa proprjeta' mobbli jew immobbli fejn jidher li r-Rikorrenti Attrici b' atti ta' Donazzjoni u tidwir mal-ligi espressament biex l-Intimat Konvenut ma jkunx jista' jiehu xejn, akkwistat u hadet li riedet li huwa sostanzjali, u issa qeghda tipretendi li wara wiehed u tletin sena tigi u trid anka minghand l-Intimat Konvenut, meta f' socjetajiet internazzjonali sitwazzjoni bhal din jiehdu passi rigoruzi kontra kreaturi li jabbuzaw mill-umanita' u jkollhom il- wicc li jaghmlu proceduri bhal dawn fic-cirkostanzi kif qed jigu inkwadrati f'dan il-kaz partikolari.*

33. *Ghaldaqstant apparti li l-ewwel tliet Talbiet ghandhom jigu michuda, l-istess jappartjeni ir-Raba' Talba fis-sens illi jrid jigi ottemporat l-artiklu 55 bid-diversi sub-artikli tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Kodici Civili.*

34. *Illi l-Intimat Konvenut Dr.EB lanqas ghandu ideja x' kienet qeghda taghmel f'dawn il- wiehed u tletin sena r-Rikorrenti Attrici u lanqas jimpurtah imma certament galadarba r-Rikorrenti Attrici assistita mill-mejjet missierha waqt li naturalment kien ghadu haj u familjari ohra cahdu lil ulied l-Intimat Konvenut jekk huma tieghu u mlewhom velenu b'fatti qarrieqa biex ma jarawx lil missierhom l-Intimat Konvenut, tant illi llum l-Intimat Konvenut lanqas jaf jew jaghraf lil dawn l-istess tfal, aktar u aktar ma l-Intimat Konvenut ma jafx jekk ir-Rikorrenti Attrici kif ghaddiet jew ma ghaddietx ghal wiehed u tletin sena shah. U certament qabel taghmel Talbiet bhat-tieni u t-tielet Talba li l-Intimat Konvenut bi hsiebu jikkontestahom bir-rigorozita' kollha tal-ligi inkluz jekk ikun hemm bzonn Kawza Kostituzzjonali u Referenza ghall-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Individwu, billi ma jistax ikun illi persuna li tkun ilha ma tikkuntattja lil xi haddiehor ghal wiehed u tletin sena umbaghad wara wiehed u tletin sena tiddeciedi li trid dak li qed tipretendi huma d- drittijiet*

*taghha, allura fic-cirkostanzi l- ewwel haga li tkun trid issir u strettament minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet legali li qieghed jaghmel l-Intimat Konvenut skont il-Ligi Nostrana u dik tal-Unjoni Ewropeja u diversi Sentenzi kif applikati mill-Qorti ta' Strasburgu, imma strettament minghajr pregudizzju r-Rikorrenti Attrici trid tispjegalna kif ghaddiet f'dawn il-wiehed u tletin sena, kif ghixet, xi ftehim sar ma' missierha llum mejjet u familjari ohra, inkluz mal-ulied tal-Intimat Konvenut, biex ir-Rikorrenti Attrici jkollha dhul sostanzjali li hallewha tghix hajjitha b' kumdita', cahdu totalment u ipprivaw bl-aktar mod assolut lill-Intimat Konvenut milli jkun parti minn din il-hajja, u ghaldaqstant strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari u Eccezzjonijiet ohra, din ir-Raba' Talba trid tittiehed fil-kuntest tal-artiklu 55 sub-artikli (1) sa (8) tal-Kapitlu 16 tal-Kodici Civili, partikolarment ukoll is-sub-artiklu (3) tal-Kapitlu 16 li espressament jirreferi ghal Sentenza tal-Appell. Dan biex issir gustizzja mal-Intimat Konvenut li din ir-Raba' Talba diga' tidher illi kkundannat meta effettivament il-kundanna ghandha ssir lejn ir-Rikorrenti Attrici li flok ghamlet dmirha ta' omm u nsistiet li minkejja dak li kien qed jghidilha missierha llum mejjet u familjari ohra biex ma jkellmux, ma jaghmlux komunikazzjoni, ma jarawx, ma jwiegbux ghal xi ittri jew kartolini jew telefonati li seta' ghamillhom missierhom, minn fuq qed jigi kkundannat l-Intimat Konvenut talli kien il-vittma minn bniedma li flok gharfet l-obbligi taghha bhala mara mizzewga lejn l-Intimat Konvenut bhala r-ragel taghha u l-ulied li gew fid-dinja, dejjem jekk dawn kienu tal-Intimat Konvenut, din il-mara waqghet vittma partikolarment wara l-mewt ta' ommha kmieni f'din il-hajja taz-zwieg (billi ommha mietet zghira bil-cancer), waqghet fin-nasba ta' missierha li appena tilef lil martu ried jokkupa u jahdem lil bintu r- Rikorrenti Attrici b'hafna weghdiet, kif effettivament jigi ppruvat fil-mori tal-Kawza, anka dawk finanzjarji, imbasta l-Intimat Konvenut jigi eskluz minn kollox.*

*35. F'dawn ic-cirkostanzi l-Intimat Konvenut qed jaghmilha cara li jew ikun hemm maturita' da parti tar-Rikorrenti Attrici illi dan l-hekk imsejjah zwieg jigi xolt permezz tal-Procedura tad-Divorzju, u hi zzomm il-hafna li akkwistat b'hafna manuvrar anka bl- assistenza ta' persuni legali bhal Nutara imbasta l-Intimat Konvenut ma jiehu xejn, l-Intimat Konvenut li l-*

*flus u r-rikkezzi tad-dinja ma jaghmlux bih ghax huwa jemmen f' servizz lin-nies biex in-nies jgharfu japrezzaw is-sbuhija tal-hajja u mhux ikunu mahkuma mill-artificjalita' tal-flus, jekk ir-Rikorrenti Attrici tara l-logika allura wiehed jimxi minghajr dawn il-hafna Talbiet li ma jaghmlu ebda sens la legalment u lanqas fattwalment, imma jekk ser issir insistenza fuqha, l-Intimat Konvenut juza l-qawwa tal-ligi u l-fiducja fil-principju li l-gustizzja mhux biss trid issir imma tidher li qed issir, biex id-drittijiet tieghu kollha jehodhom minkejja dawn ir-rimarki negattivi dwar l-Intimat Konvenut kif ovvjament qed jirrizulta anka minn din ir-Raba' Talba tar-Rikorrenti Attrici li barra mill-parametri li hawn qed jigu mfissra, ghandha tigi wkoll michuda bhat-Talbiet l-ohra.*

***<u>Il-Hames Talba Attrici</u>***

*36. Illi l-Hames Talba Attrici, dejjem strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari tal-Intimat Konvenut, u Eccezzjonijiet ohra, u anka fl-inkwadratura tal-Kontro-Talbiet li sejjer jaghmel l-istess Intimat Konvenut, il-Hames Talba hija parti mill-pjan strategiku ta' qerq da parti tar-Rikorrenti Attrici. Per ezempju hija tindika fil-Kawza li hi suppost hallfet fit-8 ta' Awwissu tas-sena 2018 l-indirizz residenzjali V meta dan il-fond li minn ricerka li issa qieghed jaghmel l-Intimat Konvenut u li ha tigi ndikata lil din il-Qorti dejjem wara li jigu sorvolati mill-livelli kollha l-Eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati, f'dan il-fond apparentament kienu jirresjedu r-Rikorrenti Attrici u l-erbat itfal, billi l-ewwel wahda li twieldet fit-13 ta' Settembru tas-sena 1975, jisimha EB imma twieldet f'Epping ftit 'il boghod minn Londra, u giet adottata fl-istess sena tal-1975, mal-erbat itfal l-ohra ossija KB li twieled fl-14 ta' Dicembru tas-sena 1980, NB li twieled fit-2 ta' Ottubru tas-sena 1982 (li apparentament kienet is-sena ukoll li twieled missier ir-Rikorrenti Attrici llum mejjet ghal dak li huwa naturalment it-2 ta' Ottubru ghax umbaghad dan kien twieled hafna snin qabel), IB li twieldet fid-19 ta' Settembru tas-sena 1984, dawn it-tliet itfal l-Intimat Konvenut assista huwa personali ghat-twelid taghhom, l-ewwel wiehed fil-Blue Sisters Hospital u t-tnejn l-ohra fl-isptar Caren Grech minhabba li l-Blue Sisters Hospital kien lahaq ghalaq, u r-raba' wild it-tifla CB li twieldet fil-madwar tal-Isptar San Luqa fis-16 ta' Novembru*

*tas-sena 1987, meta allura l-istess Intimat Konvenut ma thalliex jassisti ghall-wild ta' din it-tarbija billi gie u hataf lir-Rikorrenti Attrici missierha u hadha fil-karozza tieghu fil-hamsa ta' filghodu ta' dak il-jum illi twieldet din it-tifla u t-twelid sar fis-seat ta' wara tal-karozza li kien qed isuq missierha, u sussegwentement il-Professur Anglu Psaila llum mejjet fisser lill-Intimat Konvenut habib tieghu Dr.EB li l-Isptar kellhom problema biex jirregistraw din it-tarbija fejn ezatt twieldet peress li ma twielditx fl-iswali tal-Isptar imma fis-seat ta' wara tal-karozza ta' missier ir-Rikorrenti Attrici, u ghalhekk fic-Certifikat tat-Twelid nizzluha bhala li twieldet fil-madwar tal-Isptar Caren Grech : dan incidentalment jirrifletti l-makabrizmu tal-mentalita' ta' missier ir-Rikorrenti Attrici li mbasta jcahhad lill-Intimat Konvenut minn uliedu, il-bqija ma habbilx rasu li jirriskja hajjet l-istess raba' tifla. Din it-tifla l-Intimat Konvenut gie eskluz totalment minn hajjitha u raha ftit l-Intimat Konvenut meta kellha xi sena u nofs jew sentejn imma bis-serqa meta anka l-istess Intimat Konvenut kien qed jaghmel tentattivi biex forsi jsalva dan l-allegat zwieg. Imma naturalment missier ir-Rikorrenti Attrici kien determinat li flimkien ma' familjari ohra jekk dan iz-zwieg kien zwieg, jara kif jaghmel biex ifarrku.*

*37. Naturalment ir- Rikorrenti Attrici ghixu f'din id-dar mit-taghrif li ghandu l-Intimat Konvenut minn ricerka li qed jaghmel, fis-Swieqi wara li residenza ohra jisimha Y f'liema dar mhix proprjeta' tal-Intimat Konvenut, l-Intimat Konvenut kien nefaq dak kollu li lahaq faddal sakemm sar iz-zwieg fil- 21 ta' Dicembru, tal-1979, din id-dar twaqqghet, inbena' blokk ta' appartamenti, naturalment dak kollu li nvesta fiha l-Intimat Konvenut sparixxa imbasta ma jinghata ebda taghrif lill-Intimat Konvenut, u naturalment mid-dhul u mill-bejgh u mill-investiment ta' din id-dar ir-Rikorrenti Attrici dabret kemmxa mhux hazin imma naturalment sar manuvrar ta' ghat-taparsi ha jsiru Donazzjonijiet biex l-Intimat Konvenut jigi eskluz. U apparentament umbaghad imxew f'din ir-residenza V li wkoll mal-medda tas-snin giet diviza bejn it-tfal wiehed jimmagina tal-Intimat Konvenut b'mod illi jigi assikurat illi kien hemm strategija imsejsa fuq interpretazzjoni tal-ligi (din ha tigi kontestata wkoll jekk ikun il-kaz), illi l-Intimat Konvenut ma jkollu xejn ghax dan kollu ovvjament kien qed isir tul il-perjodu tal-Komunjoni tal-Akkwisti.*

38. *Illi l-Karta tal-Identita' pero' tar-Rikorrenti Attrici turi indirizz iehor kif jingabu provi dokumentati mill-Awtoritajiet Kompetenti bhal Identity Malta fejn allura qed jigi indikat l-indirizz Z ghad illi din id-dar hija llum fi stat ta' dilapidazzjoni w hemm fuqha s-sinjali "For Sale". U l-Intimat Konvenut minn stharrig u ricerka li qieghed jaghmel gie mgharraf illi proprju din id-dar kienet il-bazi ghala saret din il-Kawza, u cioe' li mal-intricci li r-Rikorrenti Attrici ilha taghmel f'dawn is-snin kollha biex l-Intimat Konvenut ma jigwadanja xejn minn dan l-abbuz tal-ligi halli l-Intimat Konvenut jigi totalment eskluz minn kollox, imma apparentament din id-dar Z meta marret ir-Rikorrenti Attrici biex tipprova tbieghha u tinnegozjha w apparentament kien hemm min ried jixtriha, dawn minn ricerki li saru qalulha li hija kienet ghadha mara mizzewga u li ghaldaqstant biex hi tibbenefika u l-Intimat Konvenut ma jiehu xejn kien importanti li tigi terminata l-Komunjoni tal-Akkwisti. U jidher li din hija r raguni ewlenija ghala effettivament saret din il-Kawza meta ghaddew wiehed u tletin sena fejn ir-Rikorrenti Attrici qatt ma hablet rasha biex taghmel ebda kuntatt mal-Intimat Konvenut u anka cahdet lill-Intimat Konvenut milli jara lill- eghziez uliedu jekk huma tieghu jikbru u jgawdu l-affezzjoni u hajja ta' missier bhal ma huwa l-Intimat Konvenut lit ant kien proprju ried illi jkollu familja maghquda imma li fiha ma jkun hemm ebda indhil mill- ebda terza persuna kif kien ovvjament missier ir-Rikorrenti Attrici.*

39. *Illi effettivament ukoll f'dokument illi ghandha l-Qorti quddiemha, ir-Rikorrenti Attrici indikat indirizz f' U u ghaldaqstant wiehed irid jaghmilha cara illi minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari li gew sollevati, meta u jekk jinqabez dak l-istadju u ma jintlahaqx xi forma ta' kompromess logiku u gust bejn il-Kontendenti Partijiet, u dan il-ftehim irid isir bejn il-Kontendenti Partijiet minghajr l-indhil u influwenza ta' ebda terza persuna, hu min hu jew hi min hi, allura wiehed jar ail- mentalita' qarrieqa tar-Rikorrenti Attrici li qeghda tindika indirizz meta dan l-indirizz ma huwiex qieghed fuq il-Karta tal-Identita' tal-istess Rikorrenti Attrici, u minn fuq tigi taghmel din il-Hames Talba li r-Rikorrenti Attrici "tghix esklussivament f'dak il-fond li l-Qorti jidhrilha opportun vita durante, ad*

*eskluzjoni tar-ragel Konvenut" : kif nghidu fil-ligi talba li ma taghmilx sens billi ghal wiehed u tletin sena proprju r-Rikorrenti Attrici ghixet fi proprjeta' ad eskluzjoni tal-Konvenut Intimat, u din il-proprjeta' qed isir manuvrar biex ghat-taparsi ma tezistix imma naturalment ir-ricerka qeghda ssir u dan kollu sejjer jinkixef quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti jekk ir-Rikorrenti Attrici ma tarax l-inutilita' ta' din il-Procedura imma galadarba ghamlitha ghandha tkun matura bizzejjed minghajr ma toqghodx ghall-insis ta' terzi persuni illi tholl dan iz-zwieg u dak li hu taghha jibqa' taghha u l-affari u s-sitwazzjoni tieqaf hemm. Dan kollu jerga' jigi enfatikament enfasizzat wara d-decizjonijiet li f'Qorti miftuh, f'Malta jew barra minn Malta irid ikun hemm dwar dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari.*

40. *Illi l-Qorti qeghda tintebah illi hemm hafna intricci f'din il-Kawza u ma jistax ikun mod iehor 'il ghaliex ir-realta' hi li ghal wiehed u tletin sena shah din il-kreatura femminili qatt ma ghamlet kuntatt mal-Intimat Konvenut biex tipprova tissorvola s-sitwazzjoni, u issa li minghaliha hbiet dak li fil-verita' huwa taghha u qassmet lit-tfal u anka terzi persuni ohra issa trid taghmel dan l-agir abbuziv u li jmur kontra l-ispirtu tal-ligi f'Kawza li qatt ma kellha ssir meta kull ma kellu jsir kien sempliciment komunikazzjoni mal-Intimat Konvenut mir-Rikorrenti Attrici lill-istess Intimat Konvenut biex dan iz-zwieg jinhall ghaliex il-Partijiet ilhom ma jaraw lil xulxin ghal wiehed u tletin sena shah u l-istess Intimat Konvenut lanqas kien jaf ir-Rikorrenti Attrici ghadhiex hajja jew le, u llum naturalment ma hemm ebda forma ta' interess imma almenu l-affarijiet ma kellhomx jaslu sa dan il-livell.*

41. *Illi allura fic-cirkostanzi s'issa ghandna li l-ewwel Hames Talbiet tar-Rikorrenti Attrici kif imposti u ntavolati ghandhom certament jigu michuda u dan ghar-ragunijiet li brevement qed jinghataw lil din il-wisq Onorabbli Qorti.*

***<u>Is-Sitt Talba Attrici</u>***

42. *Illi s-Sitt Talba Attrici bhall-hames Talbiet precedenti ghandha tigi ukoll regettata u dan dejjem minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet kollha li*

*qeghdin jigu sottomessi inkluz l-Eccezzjoni in linea preliminari w Eccezzjonijiet ohra li hawn qed jigu sollevati u dan ghaliex din it-Talba tmur direttament kontra dak illi taspira l-ligi fejn ir-Rikorrenti Attrici u min qed jaghtiha dawn il-pariri qeghda titlob li jigi maqsum il-gid l-iehor komuni tal-Kontendenti mhux formanti parti mill- Komunjoni tal-Akkwisti : din hija xi haga illi l-ewwelnett ha tivvantaggja jekk ikun il-kaz lill-Intimat Konvenut u dan ghaliex ikun irid johrog fil-berah l-inganni kollha li saru fejn ghat-taparsi r-Rikorrenti Attrici helset minn certu proprjetajiet u wirt b'mod illi gew mghoddija lil terzi persuni sakemm tghaddi din il-burraxka ta' din il-Kawza odjerna, pero' apparti minn dan x' qeghda titlob ir-Rikorrenti Attrici u min qed jaghtiha dawn il-pariri li a dirittura jmorru kontra l-ligi? Li dak kollu li huwa parafernali tal-Intimat Konvenut, dak kollu li wiret jekk huwa l-kaz u dak kollu li wirtet ir-Rikorrenti Attrici dan ghandu jinqasam? Meta dan certament minn imkien ma johrog mill-ligi ghax dak li hu parafernali jibqa' parafernali. U allura din it-Talba li bhal-hamsa ta' qabilha hija intiza biss biex tizvijja u tqarraq bil-Qorti dwar l-intricci li saru u li hadu wiehed u tletin sena fejn ir-Rikorrenti Attrici ma ghamlet ebda kuntatt mal-Intimat Konvenut, issa li ssorvolat u qed tahseb li qeghdet kollox f' postu, trid tattakka lill-Intimat Konvenut anka fuq affarijiet li jappartjenu proprju lilu, mill-familja tieghu u mill-wirt tal-genituri tieghu, meta r-Rikorrenti Attrici minn dan kollu ma ghandha dritt ghal xejn. Imma jekk ser tikkontesta fuq dan il-punt ukoll l-Intimat Konvenut fi hsiebu li johrog il-hama kollu li sar f'dawn il-wiehed u tletin sena li l-istess Intimat Konvenut ma kienx jaf bih imma li issa minn ricerka u tiftix illi qed jaghmel l-istess Intimat Konvenut dan johrog fil-berah.*

*43. U ghaldaqstant bl-akbar umilta' l-Intimat Konvenut qed jezorcita lir-Rikorrenti Attrici biex tuza rasha issa li ghandha sitta u sittin sena u tghix il-kumplament tas-snin li l-Mulej ser jaghtiha billi dak li hu taghha irrispettivament kif gie anka jekk bit-tghawwig, abbuz jew illegalitajiet, izzommu, jinhall dan iz-zwieg, tigi iva terminata l- Komunjoni tal-Akkwisti imma fil-parametri li qed jigi mgharbul f'dan id-dokument, u sakemm id-destin irid il-Kontendenti Partijiet jibqghu jghixu kif ghixtu ghal dawn il-wiehed u tletin sena li ma sar ebda kuntatt bejniethom, billi evidentament illum ma hemm ebda interess illi b'xi mod l-affarijiet jigu irrangati ghajr illi*

*forsi ikun gust illi l-Intimat Konvenut ikun jaf min huma uliedu, umbaghad jekk ma jridux jikkuntattjawh jew ikellmuh dik hija kwistjoni taghhom, biss l-Intimat Konvenut irid li jkollu l- opportunita' li l-velenu kollu li dawn gew misqugha mir-Rikorrenti Attrici u l-mejjet missierha u familjari ohra tar-Rikorrenti Attrici dan kollu jigi ccarat 'il ghaliex fl-Eternita' dan l-ghodju, din il-mibeghda, dawn l-intricci kollha abbuzivi u llegali li pperpetrat u hija hatja taghhom ir-Rikorrenti Attrici ma jaghmlu ebda sens, u dan wiehed jittama r-Rikorrenti Attrici ghandha ras, mohh u intelligenza bizzejjed illi tara l-inutilita' ta' din il-Procedura odjerna.*

***Is-Seba' Talba Attrici***

44. *Illi mela kif l-Intimat Konvenut kellu l-opportunita' li jissottometti f'dan id-dokument, din il-Kawza ma hija xejn hlief "a fishing expedition" fejn ir-Rikorrenti Attrici li tidher li ma ghandhiex x' taghmel b'dawn it-Talbiet legalment infondati u fattwalment erratici, trid illi wara li ghixet il-hajja taghha kif riedet u ghafget u gawdiet u dik affari taghha, issa qed tipretendi li la l-genituri tal-Intimat Konvenut issa gew neqsin trid ukoll minn dak li l-genituri tal-Intimat Konvenut setghu hallewlu jew ma hallewlux, meta r-Rikorrenti Attrici ma ghandha ebda dritt li tkun taf dan it-taghrif, mhux affari taghha ghax hija qatt ma kienet mithla tal-genituri tal-Intimat Konvenut, qatt ma kienet mithla tal-membri tal-familja tal-Intimat Konvenut u lanqas mal-familja tal-Konvenut u partikolarment il-Konvenut ma ghandhom xi interess b'xi mod jithalltu mal-familja tar-Rikorrenti Attrici : allura wiehed jerga' jenfasizza mhux ahjar li kieku r-Rikorrenti Attrici tibqa' tghix il-hajja li trid? U jekk trid illi xxolji dan iz-zwieg kif jixtieq l-Intimat Konvenut, u tittermina l-Komunjoni tal-Akkwisti hija zzomm dak illi hawdet u llum huwa taghha anka jekk jidher jew ma jidhirx, u l-Intimat Konvenut jibqa' ghaddej sakemm il-Mulej irid b 'din il-hajja tieghu minghajr ebda komunikattiva mal-istess Rikorrenti Attrici. U hawnhekk nigu ghas-Seba' Talba, wara li l-Intimat Konvenut enfasizza diversi drabi illi l-ewwel sitt Talbiet kif impostati ghandhom jigu regettati u dan brevement ghar-ragunijiet li qed jinghataw u salv naturalment strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari, mill-provi li jinhargu jekk ikun il-kaz mir-ricerki intensivi u stharrig li fi hsiebu jaghmel*

*l-istess Intimat Konvenut. Imma dak li tghid il-ligi hu ligi, il-kazistika hija kazistika, u certament ma ghandha ebda dritt ir-Rikorrenti Attrici li tkun taf l-affarijiet personali u privati la tal-Intimat Konvenut u lanqas tal-familja tieghu, u wisq anqas tal-hidma professjonali tieghu. Dawn huma tezijiet erratici u zbaljati da parti tar-Rikorrenti Attrici u min taha l-parir u li jigu kontestati f'kull forum legali illi huwa ammissibbli fil-gurisdizzjoni taghna w anka barra l-gurisdizzjoni taghna 'il ghaliex hemm limitu kemm tista' tkun insolenti u wicc tost bhal ma tidher ovvjament hija r- Rikorrenti Attrici f'dawn it-Talbiet legalment u fattwalment infondati li qeghda taghmel.*

45. *Illi din il-Qorti tista' timmagina x' beni u krediti parafernali u dotali r-Rikorrenti setghet tat lill-Intimat Konvenut meta l-Intimat Konvenut minn dan kollu ma jaf assolutament xejn, anzi dak li kellu mfaddal l-Intimat Konvenut investih kollu f'dik li kienet ir-residenza fiz-zmien l-allegat zwieg mar-Rikorrenti Attrici f'Y , ftit passi 'l boghod minn dak li kien il-Blue Sisters Hospital fejn twieled l-ewwel tifel KB li proprju twieled fl-14 ta' Dicembru tas-sena 1980, u ftit wara effettivament ghalaq il-Blue Sisters Hospital.*

46. *Illi allura jew hawn ghandna s-soltu traskuragni da parti min suppost igwida lir-Rikorrenti Attrici ta' 'cut and paste', imma li tigi titlob biex jigi restitwit lir-Rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-Kawza kif ukoll l-ispejjez li saru sa parti tal-istess Rikorrenti qabel iz-zwieg u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas il-Konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-Esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk okkorrendo bl-opera ta' Periti nominanti, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti, din tidher Talba maghmula bis-soltu traskuragni ta' uhud minn nies li jaghmlu dawn il-Kawzi bhala "cut and paste", apparti mill-fatt illi hemm il-ligijiet ukoll tal-Preskrizzjoni, li effettivament ha tkun Eccezzjoni ohra li ser tinghata fl-inkwadratura wara li jsiru s-sottomissjonijiet fil- qosor kif qed jaghmel l-Intimat Konvenut ghat-tmien Talbiet Attrici.*

47. *Illi mela filwaqt li s- Seba' Talba ghandha tigi regettata ghar-ragunijiet legalment u fattwalment infondati, pero' minghajr pregudizzju illi fic-cirkostanzi r-Rikorrenti Attrici jkollha tikxef l-istrategiji kollha li saru biex proprju l-Intimat Konvenut jigi totalment eliminat minn kull possibilita' li jiehu xi haga minn dak li setghet wirtet jew akkwistat jew xtrat ir-Rikorrenti Attrici, hemm ukoll il- fatt illi l-ligi taghmilha cara li dan ma jistax isir, apparti mill- fatt illi hemm ukoll il-preskrizzjoni. U dan ghaliex wiehed u tletin sena ma hijiex xi haga li wiehed jehodha leggerment. U din hija Eccezzjoni ohra li ser tigi sollevata jerga' jigi ripetut wara li l-Intimat Konvenut ikun ta l–ewwel reazzjoni tieghu u strettament minghajr pregudizzju ghal dawn l-ewwel Tmien Talbiet tar-Rikorrenti Attrici f'din il-Kawza ta' hames faccati.*

**It-Tmien Talba Attrici**

48. *Illi r-Rikorrenti Attrici u min qed jigwidaha juru kemm effettivament qed jizzufjettaw bil-procedura ta' kif isiru dawn il-Kawzi hekk emottivi u serji, li jitolbu serjeta' u rispett lejn il-materja li tkun qed tigi trattata, u qed jimmaginaw illi hemm terminu interminabbli li xi hadd jista' jiftah Kawza wara li tkun ilha jew ikun ilu aktar minn wiehed u tletin sena ma jaghmel kuntatt man-naha l-ohra u juza l-ligi u l-procedura dixxiplinata nostrana biex jipretendi li dawn il-wiehed u tletin sena qishom ma huma xejn u li ghandha xi dritt f'dan il-kaz ir-Rikorrenti Attrici li tesigi taghrif minghand l-Intimat Konvenut dwar x' sehh f'dawn il-wiehed u tletin sena.*

49. *Illi dan huwa abbuz serju illi anka qeghda tigi u sejra tigi eccepita l-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni fuq diversi artikli fil-ligi li jirregolaw il-preskrizzjoni, kif jinghad aktar 'l isfel, u l-Qorti hija mitluba li tiehu passi severi kif issir Kawza wara li r-Rikorrenti Attrici ghal aktar minn wiehed u tletin sena ma ghamlet ebda kuntatt mal-Intimat Konvenut, hawdet kollox hi, dokumentazzjoni fejn kien hemm mehtieg li ssir referenza ghall-Intimat Konvenut jew li jigi ikkuntattjat l-Intimat Konvenut anka biex jiffirma xi firem dawn gew abbuzivament injorati, u issa r-Rikorrenti Attrici bil-wicc tost kollu qed taghmel din il-Kawza u titlob dettalji privatissimi w intimatissimi ta' x' ghamel l-Intimat Konvenut tul dawn il-wiehed u tletin*

*sena b'din il-Lista abbuziva u legalment assurda ta' Xhieda li qeghda tigi kkontestata anka fl-inkwadratura ta' Eccezzjoni in linea preliminari bhala nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli.*

50. *Illi l-istess Rikorrenti Attrici qeghda allura tammetti hawnhekk li kienet hi illi effettivament odjernament qed taghti lok illi l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret lill-Intimat Konvenut, dawn ghandhom ikunu applikati ghaliha, billi l-wicc tost kollu, l-abbuz u n-nuqqas ta' reverenza lejn il-ligi u lejn ir-rispett uman qed naraw lil din il-kreatura femminili tipretendi li hi ghamlet li riedet ghal wiehed u tletin sena shah, injorat ghal kollox lill-Intimat Konvenut, litteralment ghal kollox, fejn l-Intimat Konvenut ma gie mgharraf b'xejn qatt, ma gie ikkonsultat qatt, inqabez l-Intimat Konvenut fejn kien hemm il-htiega ta' firem permezz ta' diversi devjazzjonijiet illi mir-ricerka illi qed issir tidher li dan kien nuqqas serju u li jimmerita anka investigazzjoni minn Awtoritajiet Kompetenti ohra, u tigi u taghmel Talbiet bhal dawn inluz din it-Tmien Talba, li allura f'din l-inkwadratura u naturalment fir-rankatura ta' kif sejrin jitmexxew il-provi jekk ser ikun il-kaz f'din il-Kawza li ma taghmilx sens, ghajr illi formalment jigi xolt dan iz-zwieg u tigi terminata l-Komunjoni tal-Akkwisti u l-ebda naha ma jkollha x' taqsam man-naha l-ohra definittivament kif ilha u hi s-sitwazzjoni ghal dawn l-ahhar wiehed u tletin sena. U mhux issir Kawza hawnhekk qisu wiehed u tletin sena minghajr ebda komunikazzjoni w gharfien ta' xi forma ta' ko-awtorita' konjugali li r-Rikorrenti Attrici ma rrikonoxxietx fl-Intimat Konvenut, issa tigi taghmel Kawza bhal din u qisha qed tipretendi li ghandha tinghata taghrif, li l-Intimat Konvenut dan mhux sejjer jaghmlu, dwar x' ghamel l-Intimat Konvenut ghal wiehed u tletin sena shah li ghix qisu qatt ma kien izzewweg, u dejjem jekk dan nistghu insejhulu zwieg; Qisu qatt ma kien missier u dan dejjem jekk it-tfal kienu tal-istess Intimat Konvenut; Qisu qatt ma kien xejn fil-hajja tar-Rikorrenti Attrici u l-hamest itfal li r-Rikorrenti Attrici qeghda tghid kellha mill-Intimat Konvenut – dejjem jekk dawn it-tfal kienu tal-Intimat Konvenut!*

51. *Illi ghaldaqstant dawn it-Tmien Talbiet fl-inkwadratura kif brevement qeghdin jigu esposti f'din ir-Risposta Guramentata odjerna ghandhom jigu*

*regettati u strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari inkluz Eccezzjonijiet ohra kopranti dawk tal-Preskrizzjoni f'din l-Istituzzjoni fil-Ligi Nostrana bid-diversi artikoli u Taqsimiet taghha, fic-cirkostanzi t-Talbiet tar-Rikorrenti Attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji kontra l-istess Rikorrenti Attrici u kontra min dahhalha f'dan il-basal legali, liema Rikorrenti Attrici naturalment u fic-cirkostanzi tibqa' ingunta in subizzjoni, u dejjem jekk jigi maqbuz il-fazi ta' nullita' w ineffettivita', invalidita' u nuqqas ta' enforzabilita' ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern kif hawn qed issir reazzjoni u twegiba fil-qosor ghalih f' din ir-Risposta Guramentata, waqt illi ssir referenza ghat-Tieni Parti ta' dan id-Dokument, u cioe' fit-Taqsima tal-Kontro-Talbiet.*

***<u>Preskrizzjoni</u>***

52. *Illi forsi r-Rikorrenti Attrici u min qed jigwidaha ma jirrealizzawx illi t-trapass ta' wiehed u tletin sena, kompleti, li fihom ma saret ebda forma ta' komunikazzjoni bejn ir-Rikorrenti Attrici u l-Intimat Konvenut, u lanqas bejn l-ulied tal-Intimat Konvenut jekk huma tieghu u l-istess Intimat Konvenut, u dan minhabba t-terrur li r-Rikorrenti Attrici u missierha llum mejjet u familjari ohra nkulkaw fl-ulied tal-Intimat Konvenut biex ma jarawx, ma jkellmux, ma jipruvawx jaghmlu ebda forma ta' kuntatt mal-istess missierhom, din l-inkwadratura ta' dimensjoni tragiku, trid tigi wkoll ikkunsidrata mill-lat ta' Preskrizzjoni, u ghaldaqstant l-Intimat Konvenut qed jissolleva l-Preskrizzjoni fl-inkwadratura tad-disposizzjonijiet generali fuq il-Preskrizzjoni a bazi ta' artiklu 2107 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

53. *Illi din hija Kawza serjissima li fiha hemm implikazzjonijiet gravissimi u li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-etajiet tal-Partijiet Kontendenti, li ma humiex zghar, u li din il-Procedura ha jkollha effett fuq is-sahha u l-perseveranza kemm fizika kif ukoll psikologika tal-Kontendenti Partijiet.*

54. *Illi ghaldaqstant li l-Intimat Konvenut b'intenzjonijiet retti qieghed jaghti parir lir-Rikorrenti Attrici biex ma taqax fil-kurrent ta' agressjoni legali*

*b'Kawza bhal din, imma li taccetta li dak li hi kienet weghdet lill-Intimat Konvenut aktar minn wiehed u tletin sena ilu li jew l-Intimat Konvenut jaccetta l-istil ta' hajja fiz-zwieg li kien qed jiddetermina r-ritmu tieghu missier l-istess Rikorrenti Attrici jew inkella hi kienet deliberatament mhux ser tikkomunika aktar mal-Intimat Konvenut u lanqas turih lill-istess uliedu dejjem jekk kienu tieghu, allura issa r-Rikorrenti Attrici ghandha tiftakar f'dan l-impenn taghha u formalment jigi mahlul dan iz-zwieg u tigi terminata l-Komunjoni tal-Akkwisti bl-ebda naha ma tkun bl-ebda mod u taht l-ebda cirkostanzi obbligata lejn in-naha l-ohra, altrimenti ha ssir insistenza wkoll fuq l-istituzzjoni tal-Preskrizzjoni skont kif dettaljatament elenkat fil-Kodici Civili minn artiklu 2107 tal-Kodici Civili sa 2160 tal-istess Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

55. *Illi din hija Eccezzjoni ohra illi qeghda tinghata u tista' titqieghed kemm fl-inkwadratura tal-Eccezzjonijiet in linea preliminari kif ukoll f'dan il-post, f'dan il-lok tar-Risposta Guramentata odjerna fis-sens illi kien hemm htiega li fil-qosor tinghata spjegazzjoni dwar ic-cirkostanzi unici u specjali ta' din il-Kawza, li flok nirringrazzjaw lil Alla illi wiehed ghix perjodi turbulent f'din il-faxxa ta' dawn is-snin kollha imma z-zewg nahat ghadhom hajjin biex forsi b'xi mod fl-ahhar zminijiet ta' hajjithom jaghtu daqsxejn speranza lil dawk it-tfal li suppost ingabu flimkien imma telghu u ghixu dawn litteralment minghajr missier f' kull sens tal-kelma, liema tfal illum huma kollha adulti, fejn l-ewwel wahda twieldet fl- 1975 imma giet addottata u l-erbgha l-ohra twieldu bejn is-sena 1980 u s-sena 1987, u allura llum kollha huma adulti sew u suppost fehmu illi mhux kif kienu jwebbluhom bil-velenu kontra missierhom, izda huma llum li huma adulti u ilhom adulti ghal numru ta' snin kellhom il-facilitajiet kollha li jikkomunikaw biex jaraw min hu dan missierhom, jekk hux tabilhaqq missierhom, u ghala kien hemm din in-nixfa kompleta ta' komunikazzjoni bejn il-Kontendenti Partijiet. Mhux ahjar li tigi sorvolata b'mod illi kull naha tghix hajjitha u li dawn it-tfal illum adulti jiddeciedu huma jekk iridux b' xi mod javvicinaw lill-Intimat Konvenut u anka lir-Rikorrenti Attrici billi dak li issa qed jisma' l-Intimat Konvenut jidher illi lanqas ir-relazzjoni ta' dawn it-tfal illum kollha adulti u fis-snin tletinijat taghhom ma ghandhom xi relazzjoni ultra specjali u*

*pozittiva mal-istess Rikorrenti Attrici. Allura l-Qorti trid tindaga ghalfejn tabilhaqq saret din il-Kawza.*

56. *Illi kif tghallimna din il-wisq Onorabbli Qorti, peress li l-Qorti ma tistax* ***ex officio*** *taghti effett ghall-Preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata u peress illi l-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-Kawza, imqar fl-Appell a bazi ta' artiklu 2112 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Intimat Konvenut qed jaghti avviso ai naviganti illi kull meta jidhirlu, jekk sfortunatament din il-Kawza tibqa' miexja u ma jiddominax il-hsieb logiku li dan iz-zwieg jekk tista' ssejjahlu zwieg ghandu jinhall, ghandha ssir it-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u kull naha tibqa' fil-periferija taghha, billi altrimenti ser issir hafna procedura illi fit-triq it-twila la ser tibbenefika l-Kontendenti Partijiet u wisq anqas it-tfal tal-Partijiet, anka jekk dawn ma kkomunikawx ma' missierhom ghal aktar minn wiehed u tletin sena ghax hekk gew diretti biex jaghmlu wara li gew misqija b'velenu kontra l-istess Intimat Konvenut, imma fl-interess ta' dawn l-erbat itfal li minkejja li jinsabu fis-snin tletinijat hadd minnhom ma ghadu zzewweg, u dan skont taghrif u ricerka li qed jaghmel l-istess Intimat Konvenut issa li wara dan iz-zmien kollu rcieva din il-Kawza, u li hija bazikament strategija biex ir-Rikorrenti Attrici u tal-madwar taghha tkompli tisloh aktar flus ma' dak li diga' selhet fl-imghoddi u wara l-mewt tal-genituri taghha w anka ta' parentela taghha kif jigi pruvat permezz ta' Dokumentazzjoni li ser titressaq mill-Intimat Konvenut u anka fl-inkwadratura tad-diversi Kontro-Talbiet li sejjer jaghmel l-Intimat Konvenut fit-Tieni Parti ta' dan id-Dokument.*

Rat il-kontro talbiet ta' Dr.EB, datat 1 ta' Novembru, 2018, a fol 37 et seqq., li taqra hekk:

## *I. __PREMESSI__*

1. *Premess illi l-Intimat Konvenut Dr.EB gie notifikat b'din il-Kawza ta' hames faccati li allegatament inhalfet fis-7 ta' Awwissu, 2018 jigifieri tas-sena kurrenti u giet ipprezentata 'l ghada l-Erbgha, 8 ta' Awwissu, 2018*

*mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li huwa kummissarju wkoll ghall-guramenti.*

2. *Premess illi fil-hames faccati li gew notifikati lil Dr.EB kif indikat fil-korp fl-intier tieghu ta' dan id-Dokument li jkopri r-Risposta Guramentat u dawn il-Kontro-Talbiet ma kien hemm mehmuza ebda Dokumenti, kriterji li huma mehtiega skont il-ligi bhal per ezempju Certifikat Awtentikat taz-Zwieg bejn il-Kontendenti bin-numru referenzjali tieghu, ghax inkella kif tista' tinghata Separazzjoni minghajr ma hemm ebda referenza ghac-Certifikat taz-Zwieg? Jigifieri anka l-istess Rikorrenti Attrici u min qed jigwidaha lanqas jidher li qed jirrikonoxxu dan iz-zwieg, bhal ma m'humiex qed jirrikonoxxu t-titolu ufficjali tal-Intimat Konvenut li certament ma jiehux pjacir biha BG jekk il-hidma li ghamel biex lahaq u jista' jahdem ta' Avukat, xi hadd jehodhielu ghal ebda ragunijiet gustifikati skont il-ligi u skont ir-regolamenti ta' kif titmexxa l-professjoni legali.*

3. *Premess illi l-Intimat Konvenut baqa' sorpriz meta gie notifikat waqt li kien sejjer lejn il-Qorti proprju f'nofs ta' triq fl-intercessjoni bejn Triq l-Arcisqof u Triq l-Ifran meta waqfet il- karozza tal-Marixxall JD u qal lill-Intimat Konvenut : "Dott, bongu, ghandi xi haga ghalik!".*

4. *Premess illi meta Dr.EB avvicina l-karozza li fiha kien il-Marixxall JD, dan JD ghaddielu dawn il-hames faccati u meta Dr.EB qallu li mhux etika li notifika ssir f'nofs ta' triq, anka minhabba l-periklu tat-traffiku, il-Marixxall lil Dr.EB qallu "jekk ma taccettahiex jiena nnizzel li jiena rajtek, offrejthielek u inti ma accettajthiex". U allura l-Qorti qeghda tara anka l-atteggjament ta' kif isiru certu notifiki, hemm htiega ta' aktar edukazzjoni u tahrig anka fir-rigward tas-sentimenti tan-nies, huma min huma, huma fejn huma.*

5. *Premess illi Dr.EB baqa' sorpriz b'din in-notifika 'il ghaliex sa dak l-istadju la kien jaf jekk ir-Rikorrenti Attrici ghadhiex hajja jew le, la kien jaf fejn qeghda toqghod, u kien irrassenja lilu nnifsu li wara wiehed u tletin sena r-Rikorrenti Attrici ma taghmel ebda forma ta' kuntatt mieghu, ghal ebda raguni, u bl-ebda mezz ta' komunikazzjoni, l-Intimat Konvenut kien*

*accetta s-sitwazzjoni li t-tfal li huwa kellu mir-Rikorrenti Attrici, dejjem jekk huma tieghu, ma kienx sejjer jarahom aktar qabel imut, u effettivament l-Intimat Konvenut diga' kien dikjarat mejjet f'Settembru tas-sena 2014 meta tah attakk qawwi tal-qalb, segwita minn emorogija massiva, imma l-Mulej ried li l-Intimat Konvenut jibqa' haj u jibqa' b'mod aktar limitat jaghti s-servizz tieghu lis-socjeta'.*

6. *Premess illi l-Intimat illum qieghed jahdem limitatament, tista' tghid ma ghandu ebda forma ta' introjtu u kemm ilahhaq mal-inkwadratura tal-hajja li huwa jghix.*

7. *Premess illi dan huwa ghall-kuntrarju tal-istil ta' hajja tal-Intimata Konvenuta li kienet kapaci u determinata li tghix il-hajja taghha u dan tant hu hekk li ghal wiehed u tletin sena shah qatt ma kkomunikat mal-Intimat Konvenut, li ovvjament kull min jghix fis-socjeta' Maltija fil-Gzejjer Maltin u Ghawdxin jaf li l-Intimat Konvenut baqa' haj ghax l-Intimat Konvenut anka jekk limitatament baqa' attiv fil-hajja pubblika u socjali, minghajr ma jiehu ebda forma ta' remunerazzjoni, u jghix limitatament minghajr ma jabbuza mill-grazzja li nghata li ghadu haj biex jibqa' jservi lis-socjeta'.*

8. *Premess illi fl-inkwadratura legali pero' l-Intimat Konvenut stenna li jigi notifikat bl-inkartament li skont il-procedura li hija mehtiega, isiru l-proceduri tal-Medjazzjoni u l-Intimat Konvenut fl-ebda stadju ma gie notifikat li kien hemm Medjazzjoni pendenti, jew li kien hemm xi Seduta tal-Medjazzjoni. U dan naturalment huwa nuqqas li l-Qorti ma tistax tinjora, bhal ma per ezempju ma hemm ebda Dokument fil-kopja li biha gie notifikat Dr.EB fil-jum ta' nhar it-Tlieta, 16 t' Ottubru, 2018, li kien hemm l-Awtorizzazzjoni li setghet issir din il-Kawza. U ghaldaqstant Dr.EB qed jeccepixxi diversi Eccezzjonijiet in linea preliminari relatati man-nullita' u nvalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' w effettivita' ta' din il-Kawza billi Dokumenti mehtiega skont il-ligi u partikolarment l-artiklu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ma gewx osservati. U allura Dr.EB qieghed jinsisti li dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati minnu, li huma mill-anqas hamsa, ghandhom l-ewwel u qabel kollox jigu determinati mill-Qorti, fl-*

*inkwadratura ta' kif isiru l-proceduri, b'Decizjoni jew Decizjonijiet moghtija bil-miftuh fl-awla mill-Qorti biex dejjem ikun hemm fl-interess tat-trasparenza tal-gustizzja l-possibilita' ta' Appell u anka Rikorsi ohra fir-rigward ta' Kawza Kostituzzjonali w anka cahda tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Intimat Konvenut.*

9. *Premess illi dan in kwantu l-Kawza kif giet notifikata lill-Intimat Konvenut fejn anka fiha diversi abberrazzjonijiet illogici bhal per ezempju ebda forma ta' Dikjarazzjoni da parti tar-Rikorrenti Attrici w oltre Lista ta' Xhieda vaga li tikser a dirittura l-provediment tal-Ligi anka skont kif indikat mill-Intimat Konvenut, u dan dejjem fl-inkwadratura tal- artiklu 156 tal-Kapitolu 12 bid-diversi sub-artikli li hemm.*

10. *Premess illi ghalhekk fir-Risposta Guramentata tieghu, l-Intimat Konvenut fisser fil-qosor x' kienu dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari u fejn l-Intimat Konvenut qed jitlob li l-ewwel jigu decizi dawn fid-dimensita' u l-intensita' tal-proceduri legali kif isiru fil-Qrati Nostrana u kif rikonoxxuti anka mill-Unjoni Ewropeja, inkluz il-Qorti tal-Gustizzja fil-Lussumburgu u kif ukoll il-Qorti ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu fi Strasbourg.*

11. *Premess illi strettament minghajr pregudizzju ghal dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari w Eccezzjonijiet ohra sollevati mill-istess Intimat Konvenut, biex jissalvagwarda kwalsiasi interess li jista' jkollu l-Intimat Konvenut, l-istess Intimat Konvenut qed jivvantaggja ruhu mill-fatt li r-Rikorrenti Attrici (li issa jidher car li ghadha hajja 'il ghaliex wara li ma tarha qatt, ma tisma' minghandha qatt, lanqas ebda forma ta' komunika ghal wiehed u tletin sena, l-Intimat Konvenut beda jahseb li din tista' ma tkunx ghadha umanament hajja, imma effettivament jidher li ghadha hajja), u ghaldaqstant l- Intimat Konvenut f'dawn il-Premessi qed jaghmilha cara li l-ewwel u qabel kollox iridu jigu decizi dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari, u wara li jigu decizi dawn biss u Eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz illi ghandhom jiddahhlu f'dawn il-proceduri dawn il-Kontro-Talbiet odjerni.*

12. *Premess illi fic-cirkostanzi l-Intimat Konvenut jixtieq umilment jirrakkomanda li issa li z-zewg Kontendenti dahlu fl-isfera tal-hajja tal-anzjanita', b'Dr.EB diga' dikjarat mejjet f'Settembru tas-sena 2014 imma nirringrazzjaw lil Mulej ghadu haj biex umanament jaghti servizz limitat lis-socjeta', li dawn il-proceduri strettament minghajr pregudizzju ghall-legalita' u naturalment id-difiza legali li trid issir da parti tal-Intimat Konvenut ghal din l-ingustizzja li qeghda ssir b'dawn it-Talbiet li ma jaghmlux sens da parti tar-Rikorrenti Attrici, apparti minn nuqqas ta' osservanza ta' ligijiet u regolamenti stretti ta' kif isiru l-kawzi, pero' l-ahjar illi jista' jsir huwa li l-Partijiet wahidhom wara dawn is-snin kollha jitkellmu, l-ewwel u qabel kollox biex forsi l-Intimat Konvenut ikollu l-grazzja li jerga' jara lit-tfal illi suppost kellu mir-Rikorrenti Attrici, li llum huma kollha kbar, u li nahseb l-esperjenza tal-genituri taghhom jekk huwa l-kaz wasslithom biex jiddeciedu ghax hadd minnhom jidher ma zzewweg s' issa, u dan l-Intimat Konvenut qed isir jafu proprju issa meta naturalment beda jistharreg xi fatti dwar ir-Rikorrenti Attrici.*

13. *Premess illi l-ahjar soluzzjoni tkun illi ovvjament jinhall dan iz-zwieg li qatt ma kien u dejjem jekk wiehed jista' jqisu bhala zwieg, u li kull naha tiddetermina definittivament li tmur ghal rasha sakemm umanament il-Mulej irid, aktar u aktar fl-inkwadratura ta' dawn il-wiehed u tletin sena li ma saru ebda forma ta' komunikazzjoni la minn naha ghal ohra, u li r-Rikorrenti Attrici tidher mir-ricerka li qed jaghmel l-Intimat Konvenut illi marret tajjeb hafna finanzjarjament u kienet komda, u li nirringrazzjaw lil Mulej it-tfal tal-Kontendenti Konjugi illum mhux biss kibru imma jidher li ghandhom impjiegi tajbin ukoll minn dakli qed jiskopri l-istess Intimat Konvenut, u tigi terminata formalment jekk huwa l-kaz il-Komunjoni tal-Akkwisti, u l-affari u s-sitwazzjoni tieqaf hemm. Oltre dan ikun hemm l-insistenza illi jigu processati l-Eccezzjonijiet kollha in linea preliminari fid-dimensjoni li tippermetti l-ligi u bil-proceduri kollha li tissana l-istess Ligi, kemm Nostrana kif ukoll dik tal-Unjoni Ewropeja, kif ukoll dik tad-dinja civilizzata, u li evidentament dan ma jkunx konducenti ghal pozittivizmu bejn il-Kontendenti konsiderando li r- Rikorrenti Attrici diga' ghandha sitta u sittin sena, l-Intimat Konvenut ftit akbar minn hekk, u t-tfal qeghdin kollha fis-snin tletinijat, u ghaldaqstant ma hemm ebda skop jew raguni ghala*

*kellha ssir din il-Kawza ghajr b'bazi wahda, u cioe' li r- Rikorrenti Attrici barra li diga' dak li akkwistat fil-wiehed u tletin sena li ma ghamlet ebda kuntatt mal-Intimat Konvenut, issa trid fil-kilba li ghandha dejjem ghal aktar flus li minghaliha hi intitolata ghal xi "sehem finanzjarju" li hija ghandha dritt ghalih da parti tal-Intimat Konvenut : u hawn wiehed isaqsi id-domandi fejn kienet ir-Rikorrenti Attrici f'dawn il-wiehed u tletin sena? Ghala qatt ma hasset il-htiega li taghmel kuntatt mal-Intimat Konvenut, jekk mhux ghaliha, ghat-tfal li hi indikat? Ghat-tfal li hija kienet deciza li ma turihom qatt lill-Intimat Konvenut, u effettivament irnexxielha ghax kull meta fl-ewwel snin tal-Firda l-Intimat Konvenut ipprova biex imur jara lil uliedu, sab agressjoni immensa, u anka f'okkazjoni minnhom l-Intimat kien liebes frisk frisk biex imur il-Qorti, u r-Rikorrenti Attrici tefghatlu barmil awrina fuq il-libsa tieghu u lejn il-karozza biex ma javvicinax lil hinn, apparti milli missierha llum mejjet kien jaghmel minn kollox biex l-Intimat Konvenut ma jkunx jista' jara lil uliedu. U kull tentattiv li l-Intimat Konvenut ghamel biex jipprova jikkomunika ma' uliedu kien jisfuma kollu b'mod negattiv u cioe' telefonati ma jigux risponduti, kartolini tal-Milied, ta' eghluq zmien it-tfal jigu mibghuta lura b'hafna insulti, u dawn kienu l-ewwel tlettax –il sena ta' torment tista' tghid mis-sena 1987 'l hawn illi kellu jghaddi u jsofri l-Intimat Konvenut, fejn umbaghad l-Intimat Konvenut iddetermina li l-hajja hija prezzjuza u li huwa ma kienx sejjer jarmi l-professjoni tieghu u dak kollu li kien ihobb sempliciment ghax il-familja tar-Rikorrenti Attrici u l-istess Rikorrenti Attrici kienu determinati li jew l-Intimat joqghod ghad-dittatura taghhom inkella jippruvaw jeqirduh.*

14. *Premess illi dak li qed jipprova isir issa u kif sejra tara din il-wisq Onorabbli Qorti jekk sfortunatament inkomplu b'dawn il-proceduri, ir-Rikorrenti Attrici kienet imdahhla f'diversi dokumenti legali, kuntratti, skritturi, apparti t-Testmenti illi ghamlet, li juru bic-car illi hi u l-familjari taghha, objettiv wiehed kellhom f' rashom, u cioe' l-qirda tal-Intimat Konvenut.*

15. *Premess illi ghalhekk din hija l-inkwadratura ghala fic-cirkostanzi l-Intimat Konvenut qed jinsisti fuq id-decizjoni definittiva f'kull livelli li tipprovdi l-ligi tal-Eccezzjonijiet in linea preliminari li almenu huma hamsa, l-*

*Eccezzjonijiet l-ohra, u li umbaghad wiehed jidhol ghal dawn it-Talbiet odjerni tal-Intimat Konvenut f' din it-Tieni Parti ta' dan id-Dokument.*

16. *Premess illi ghalhekk kienet l-istess Rikorrenti Attrici li ma ghamlet ebda sforz biex jekk dan iz-zwieg kien tabilhaqq zwieg, jigi salvagwardat, li ghal tlettax–il sena shah u cioe' l-aktar snin importanti ta' meta t-tfal bdew jikbru, ipreveniet b'kull mezz u b'kull mod inkluz l-assistenza ta' missierha u familjari ohra biex l-Intimat Konvenut ma jarax lil uliedu, u wara tlettax – il sena l- Intimat Konvenut ma kellu ebda triq ohra biex jibqa' mentalment san li jaqta' linja u jiddeciedi li l-hajja sakemm il-Mulej irid, trid tghixha u taghti servizz lill-istess b'hajja u socjeta' li tghix fiha, u hekk ghamel effettivament kif huwa dokument pubblikament fis-socjeta' Maltija w Ghawdxija l-istess Intimat Konvenut.*

17. *Wara tlettax–il sena ma jarax lil uliedu, darba minnhom l-Intimat Konvenut kien qed jiehu cafe u ra guvnott liebes u bid-dehra ta' "punk", u l-istess Intimat Konvenut qal bejnu u bejn ruhu f' hiex waslu z-zghazagh tallum, ghad illi dan l-istess zghazugh baqa' jhares lejn missieru.*

18. *Premess illi jumejn wara l-Intimat Konvenut ircieva ittra u dan wara tlettax –il sena li kien ilu ma jarah, fejn dan il-guvnott kiteb lill-Intimat Konvenut u talbu biex jiltaqghu u Dr.EB hass ruhu mimli ferh li almenu wara tlettax –il sena kien ser jara lil wiehed mit-tfal tieghu, dejjem jekk huma t-tfal tieghu, u dan kien KB. Izda meta Dr.EB ltaqa' ma' ibnu, flok kien hemm dak il-ferh illi missier qed jara lil iben tieghu wara tlettax –il sena u l-iben qed jara lil missieru wara tlettax –il sena, kull ma tenna t-tifel kien illi hu xtaq sehemu. U l-Intimat Konvenut qal lil ibnu : x'inhu sehemek meta inti qed tigi hawn u lanqas biss qed tirrikonoxxi li qed tara u tkellem lill-istess missierek?*

19. *Premess illi dik kienet l-uniku darba illi l-Intimat Konvenut ra lil wiehed mill- allegati tfal tieghu, billi t-tlieta l-ohra u lill-istess KB qatt ma rahom izjed, qatt ma kkomunikaw mieghu izjed, u din hija r-realta' li Dr.EB kellu jaccetta u fuq din ir-realta' bena l-hajja li kien imiss illi kif taf Malta u Ghawdex kollu f' Settembru tas-sena 2014 Dr.EB sofra attakk tal-qalb qawwi w emorogija massiva u kulhadd kien tal-opinjoni li ma kienx hemm*

*aktar hajja ghall-istess Dr.EB, u hemmhekk ukoll ma tfacca hadd da parti tar-Rikorrenti Attrici jew il-familjari taghha jew dawn it-tfal li llum huma kollha kbar u suppost maturi w ghandhom impjieg sod biex jippruvaw jaraw lil missierhom "ghall-ahhar darba". U ghalhekk ma jaghmilx sens li saret din il-Kawza, ma jaghmilx sens li saru dawn it-Talbiet inaccettabbli, u l-ahjar soluzzjoni ghall-gid ta' kulhadd hu li jiltaqghu ta' nies maturi w anzjani kif inhuma llum il-Kontendenti minghajr terzi persuni, billi proceduralment din hija Kawza imhawda u li ma hijiex qed issegwi l-proceduri u l-ligi ta' kif suppost isiru kawzi, u jsir arrangament biex din il-Qorti tiehu l- opportunita' jekk ikun il-kaz illi taghti d-Divorzju, tittermina l-Komunjoni tal-Akkwisti u kull naha tmur ghal rasha, u t-tfal huma dejjem milqugha jekk iridu li jiltaqghu u jkellmu lill-Intimat Konvenut li huwa herqan hafna li jkollu kuntatt ma' dawn it-tfal u jerga' jarahom u jara kif jidhru, li lanqas kif jidhru ma jaf kif inhuma. Hu sar jaf x' qeghdin jaghmlu minn xi ricerki li f'dawn l-ahhar jiem Dr.EB ghamel u li hargu certu fatti li naturalment ma kien jaf bihom xejn ghal wiehed u tletin sena shah.*

20. *Premess illi pero' jrid jaghmilha cara Dr.EB li l-ewwel iridu jigu decizi l-Eccezzjonijiet in linea preliminari, li huwa ma huwiex lest li jikkomunika ma' hadd ghajr mar-Rikorrenti Attrici personali biex ta' nies maturi u llum anzjani jaraw ir- realta' tas-sitwazzjoni, jaccettaw it-tbaghtijiet li bla dubju ta' xejn ikkagunaw fuq xulxin, jaccettaw li dik kienet il-hajja, u li l-ftit li baqa' r-Rikorrenti Attrici tghix fil-kumdita' bil-gid kollu li ghandha u li akkwistat u li hadet, hafna minnu bi strategija qarrieqa biex jigi eliminat l-Intimat Konvenut, u l-Intimat Konvenut jibqa' b'dak illi ghandu, u cioe' hajja semplici, dedikata ghas-servizz pubbliku li tghix kemm ghandek bzonn u mhux b'aktar sakemm il- Mulej jghogbu illi jistiednek biex tgawdi mieghu l-kumplament tal-Eternita'.*

21. *Premess dan kollu u strettament minghajr pregudizzju ghaldaqstant kienet l-istess Rikorrenti Attrici strumentali biex dan l-hekk imsejjah zwieg qatt u bl-ebda mod ma gie rikonciljat, il-hasra hi t-tbaghtija mhux mehtiega u li setghet giet evitata li bla dubju ta' xejn bghatew it-tfal jekk huwa l-kaz tal-Kontendenti, bghatew ghax kien hemm min minhabba s-suppervja, minhabba l-ghira, minhabba r- rghiba ghall-flus li ma hasibx fl-interess*

*suprem ta' dawn it-tfal illum kollha fis-snin tletinijat taghhom, imma haseb biss fil-principju ta' vendetta, vendikazzjoni, ghira, tkissir u possibilment eliminazzjoni tal-istess Intimat Konvenut.*

22. *Premess dan kollu ghaldaqstant hija r-Rikorrenti Attrici li jekk ikun il-kaz illi ghandha tmantni lill-istess Intimat Konvenut skont il-ligi, u li ghandha tipprovdi ghan-nuqqasijiet kollha li hija nflingiet fuq l-Intimat Konvenut minhabba s-suppervja taghha, tal-missierha llum mejjet, u ta' familjari kollha.*

23. *Premess dan kollu, il-Qorti sejra tinghata stampa wkoll ta' whud mid-diversi dokumenti ufficjali li l-istess Rikorrenti Attrici kienet involuta fihom bl-objettiv ewlieni li taht kull cirkostanza kellu jigi eliminat u imwarrab l-Intimat Konvenut u jidher strategija kakafomina ta' avukati u nutara u terzi persuni li kollha naturalment ikkonfoffaw taht id- direzzjoni tar-Rikorrenti Attrici, familjari taghha u missierha sakemm kien ghadu haj biex jippruvaw ikissru mija fil-mija lill-Intimat Konvenut.*

24. *Premess dan kollu, tghid ir-Rikorrenti Attrici PB : illum ta' sitta u sittin sena, ghala din il-wisq Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddetermina, tidderiegi, tiddikjara u tordna illi, u dan dejjem fl-inkwadratura li l-ewwel u qabel kollox jigu determinati fil-kumplessita' legali kollha l-Eccezzjonijiet in linea preliminari almenu hamsa li gew sollevati mill-istess Intimat Konvenut :-*

## *II. __TALBIET TAL-INTIMAT KONVENUT__*

1. *Illi din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara din il-Kawza u dawn il-proceduri nulli u nvalidi, ineffettivi u mhux enforzabbli u dan fl-inkwadratura tal-Eccezzjonijiet in linea preliminari almenu hamsa li ssolleva l-Intimat Konvenut fl-Ewwel Parti ta' dan id-Dokument u cioe' fir-Risposta Guramentata tieghu fejn fisser fl-inkwadratura legali ghala din il-Kawza ghandha titqies bhala nulla, invalida, mhux enforzabbli u mhux effettiva.*

2. *Fl-inkwadratura tal-artiklu 156 bid-diversi sub-artikli tieghu tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Kawza ghandha tigi dikjarata nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli billi jirrizulta manifestament illi ma hemm ebda awtorizzazzjoni mill-Qorti biex setghet issir din il-Kawza, ma gie esebit ebda Dokument legali f'dan is-sens mal-kopja li kien ircieva l-Intimat Konvenut f'nofs ta' triq fis-16 ta' Ottubru, 2018, u fuq kollox l-Intimat Konvenut fl-ebda stadju ma gie notifikat li kienu qed isiru proceduri tal-Medjazzjoni, u minghajr notifika certament la setghet tingab awtorizzazzjoni da parti tal-Qorti u lanqas setghet tigi ntavolata din il-Kawza. U ghaldaqstant din il-Kawza ghandha tigi dikjarata nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli.*

3. *Din il-Kawza hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli wkoll peress li ma gewx esebiti ebda dokumenti skont kif tesigi l-ligi u partikolarment sub-artiklu (2) tal-artiklu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment ma gewx esebiti la c-Certifikat Awtentikat taz-Zwieg ta' bejn il-Kontendenti u lanqas ma giet esebita l-Awtorizzazzjoni biex setghet issir din il-Kawza fil-parametri ta' dak li gie mfisser, u dokumenti mehtiega ohra li a bazi taghhom kellha tigi ntavolata din il-Kawza. U ghalhekk in-nullita', l-invalidita', l-ineffettivita' u n-nuqqas ta' enforzabilita' ta' din il-Kawza li ghandha tigi dikjarata nulla u nvalida.*

4. *Din il-Kawza ghandha tigi wkoll dikjarata nulla u nvalida fl-inkwadratura ta' artiklu 156 sub-artiklu (1) sub-incizi (a) u (b) u dan kif jigi elaborat jekk ikun il-kaz fit-trattazzjoni qabel ma din il-wisq Onorabbli Qorti tghaddi biex tipronunzja formalment fil-parametri tal-ligi u dak kollu li tforni l-ligi dawn l-Eccezzjonijiet in linea preliminari tal-Intimat Konvenut li a bazi taghhom qed jeccepixxi n-nullita' u l-invalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' w effettivita' ta' din il-Kawza odjerna.*

5. *Il-Lista tax-Xhieda kif prezentata mir-Rikorrenti Attrici tramite min taha l-parir hija nulla w invalida u dan a bazi tas-sub-artiklu (4) tal-artiklu 156 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jirrizulta car fil-maggior parti assoluta tal-istess Lista tax-Xhieda illi ma humiex identifikabbli waqt illi l-ligi tesigi li l-ismijiet tax-xhieda ghandhom ikunu indikati, u lanqas ma*

*hemm dikjarazzjoni dwar kull wiehed minnhom x' fatti u xi prova fi hsiebha taghmel ir-Rikorrenti Attrici bix-xiehda taghhom. Dan huwa nuqqas serju iehor fl-intavolar tal-Kawza tar-Rikorrenti Attrici u raguni ohra ghala f'Eccezzjoni in linea preliminari l-Intimat Konvenut qed jeccepixxi n-nullita', l-invalidita', in-nuqqas ta' enforzabilita' w effettivita' ta' din il-Kawza.*

6. *B'referenza ghas-sub-artiklu (7) tal-artiklu 156 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Kawza wkoll ghandha tigi dikjarata nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli ghar-ragunijiet li jirrizultaw minn dan is-sub-artiklu (7) tal-artiklu 156 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan naturalment fl-inkwadratura generali tal-Eccezzjonjiet in linea preliminari sollevati mill-istess Intimat Konvenut.*

7. *Din il-wisq Onorabbli Qorti fic-cirkostanzi ghandha l-ewwel u qabel kollox tiddeciedi u tiddetermina b'decizjoni moghtija bil-miftuh u suggetta ghall-parametri ta' dak li tipprovdi l-Ligi l-Eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati mill-Intimat Konvenut u dan biex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir.*

8. *It-Talbiet kollha tar-Rikorrenti Attrici ghandhom jigu michuda kif impostati u dan ghar-ragunijiet li l-Intimat Konvenut fisser fir-Risposta Guramentata tieghu taht gurament, u dan u strettament minghajr pregudizzju ghal dak kollu li jipprovdi l-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tad-drittijiet tal-Intimat Konvenut anka kif elenkati f'artiklu 158 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bid-diversi sub-artikli, u dan dejjem fl-interess tal-gustizzja, u fl-interess tal-Partijiet li wara kollox fi proceduri delikati bhal dawn ghandu ikun hemm sforz biex flok tizdied it-tbaghtija u l-ansjeta' din tigi mtaffija anka fl-interess tal-familja in generali.*

9. *Jekk ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tispicca biex tiddetermina dwar l-Eccezzjonijiet in linea preliminari b'mod illi l-Kawza tkun tista' f'xi stadju u f'xi livell titkompla, allura huwa ovvju li l-Intimat Konvenut ghandu jibbenefika minn dak kollu li gie sottomess jekk huwa l-kaz fir-Rikors Guramentat promotur, u fic-cirkostanzi din il-wisq Onorabbli*

*Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni dawn il-Kontro-Talbiet kollha inkluz il-Kontro-Talbiet illi sejrin isegwu.*

10. *Strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet kollha in linea preliminari sollevati, Eccezzjonijiet ohra imressqa mill-Intimat Konvenut, fic-cirkostanzi tal-izviluppi procedurali, legali u fattwali illi sehhew, din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha ssib ir-Rikorrenti Attrici responsabbli ghal din il-Firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-Parti l-ohra kontra l-Intimat Konvenut jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tal-Intimat Konvenut jekk huwa l-kaz, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irrimedjabilment : artiklu 40 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili).*

11. *Ir-Rikorrenti Attrici kienet responsabbli li abbandunat lill-Intimat Konvenut minghajr raguni tajba ghajr l-indhil ta' missierha llum mejjet u familjari ohra biex kull cirkostanza ifarrak dan iz-zwieg, liema nasba r-Rikorrenti Attrici waqghet ghaliha. U ghalhekk ir-Rikorrenti Attrici hija responsabbli wkoll ghall-abbandun tal-Intimat Konvenut u t-tifrik definittiv ta' din il-familja : artiklu 41 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili).*

12. *A bazi ta' artiklu 44 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Intimat Konvenut fic-cirkostanzi u strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet sollevati, qieghed formalment jitlob il-Firda minn din il-kreatura Rikorrenti Attrici w anka l-halla taz-zwieg skont l-Artikoli li tipprovdi l-istess Ligi u li jigu indikati aktar 'il quddiem f'dawn it-Talbiet tal-Intimat Konvenut Dr.EB.*

13. *Ghandu jkun applikat artiklu 45 tal-Kodici Civili jekk ikun il-kaz fid-diskrezzjoni tal-Onorabbli Qorti li dan tapplikah, kif indikat u fil-parametri tar-ragunijiet imsemmija.*

14. *Din il-Qorti ghandha tiddetermina mhux biss ir-ragunijiet ghala r-Rikorrenti Attrici ghamlet din il-Kawza imma kif indenjat tipprova taghmel referenza ghal Dar taz-Zwieg jew residenza pendente lite meta r-Rikorrenti Attrici ilha aktar minn wiehed u tletin sena ma tikkomunika mal-Intimat*

*Konvenut, ghixet f'diversi proprjetajiet immobiljari li jappartjenu lilha jew lil tal-familja bhal residenza f' Y li issa twaqqghet u nbniet blokk appartamenti u fejn l-Intimat Konvenut kien hela gidu biex irrangaha din id-dar, ghixet V, ghixet Z, ghixet U. Allura huwa evidenti li l-artiklu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhux aplikabbli ghal dan il-kaz billi r-Rikorrenti Attrici ghixet fejn riedet, u ghadha tghix fejn trid, u allura ma jaghmilx sens li hi titlob li tigi assenjata residenza meta hi ghandha diversi residenzi kif anka jirrizulta minn provi fil-mori tal-Kawza a bazi tad-diversi dokumenti u kuntratti li saru, u allura ghalhekk il-Qorti ghandha tindaga ghalfejn saret din il-Kawza, billi huwa evidenti li zgur li ma hemmx sitwazzjoni ta' dar taz-Zwieg pendente lite wara li aktar minn wiehed u tletin sena ir-Rikorrenti Attrici ma ghamlet ebda kuntatt mal-Intimat Konvenut, imma r- realta' hi li mal-hafna li ghandha r-Rikorrenti Attrici trid izjed. Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tordna u tiddikjara li l-artiklu 46 ma huwiex aplikabbli ghal din il-Kawza partikolari u fic-cirkostanzi, u dan strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari w Eccezzjonijiet ohrajn sollevati.*

15. *Din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha fic-cirkostanzi tastjeni milli timponi xi forma ta' manteniment pendente lite u dan minhabba c-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz fejn ir-Rikorrenti Attrici ghal wiehed u tletin sena shah ma ghamlet ebda forma ta' kuntatt mal-Intimat Konvenut u dan ghax kienet sta bene li ma kellha ebda htiega ta' manteniment minghand l-Intimat Konvenut, waqt li l-Intimat Konvenut ghandu jkollu l-jedd jekk huwa l-kaz li jitlob manteniment da parti tar-Rikorrenti Attrici billi kienet l-istess Rikorrenti Attrici li ma onoratx l-obbligi taghha ta' mara mizzewga u naturalment dan ifisser illi hi ma ghandha tkun intitolata ghal ebda forma ta' manteniment anka minhabba li ghadda dan il-perjodu ta' wiehed u tletin sena fic-cirkostanzi kif imfissra u skont il-provi li jigu prodotti fil-mori tal-Kawza.*

16. *It-tfal li kien hemm bejn il-Kontendenti u dejjem jekk huma tal-Intimat Konvenut illum huma kollha fis-snin tletinijat taghhom, anka skont kif jirrizulta fil-mori tal-Kawza w allura din il-Qorti ghandha tiddetermina li filwaqt li ma hemmx htiega ta' ebda forma ta' manteniment jew hsieb ta' l-*

*ulied la pendente lite u lanqas wara li jigu determinati t-Talbiet f'din il-Kawza fl-assjem taghha, xorta wahda l-ulied ghandhom jekk ikun il-kaz jindikaw il-perjodu ezatt kemm ilhom ma jikkomunikaw ma' missierhom, min tahom dawn id-direttivi, u fic-cirkostanzi r-Rikorrenti Attrici ghandha tigi kkastigata ghal dan in-nuqqas kbir li bla dubju ta' xejn halla trawma mhux biss fuq l-istess ulied minkejja li llum huma kollha adulti imma anka fuq l-istess Intimat Konvenut.*

17. *Fic-cirkostanzi l-artiklu 48 tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun applikat fil-konfront tar-Rikorrenti Attrici u dan billi kienet hija l-htija tal-firda ghar-ragunijiet indikati f'dan l-istess artiklu 48 sub-artiklu (1).*

18. *A bazi ta' artiklu 48 sub-artiklu (1) is-sub-incizi (a), (b), (c), u (d) ghandhom ikunu aplikabbli favur l-Intimat Konvenut f'dawn il-Kontro-Talbiet u kontra r-Rikorrenti Attrici fit-Talbiet taghha f'din il-Kawza.*

19. *Is-sub-artiklu (2) tal-artiklu 48 tal-Kodici Civili , Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun applikat a favur l-Intimat Konvenut u kontra r-Rikorrenti Attrici billi taht l-ebda cirkostanzi ma wiehed jista' jimmagina li r-Rikorrenti Attrici li ghal wiehed u tletin sena shah ghamlet li riedet u akkwistat kemm felhet u pruvat tahbi dak li akkwistat biex ma jigwadanja xejn l-Intimat Konvenut, issa tigi taghmel Kawza meta l-uniku konkluzjoni li ghandu jkun hemm minn dan l-allegat zwieg huwa l-hall ta' dan iz-zwieg u t-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti b'kull naha zzomm dak li provda l-Mulej u anka biex l-Kontendenti Partijiiet li llum jistghu jitqiesu fuq in-naha tal-anzjanita' tal-hajja, jibqghu jghixu is-snin li l-Mulej itihom fic-cirku ta' paci rispettiv minn naha ghal ohra minghajr dan il-konfront jew konflitt ghalxejn li wara kollox minnu m'hu sejjer johrog xejn ghajr regenerazzjoni tat-tensjoni, l-inwkiet u t-tbaghtijali sofra l-Intimat Konvenut f'dawn il-wiehed u tletin sena li gie imcahhad mill-istess uliedu b'mod illi fil-gurnata tallum l-istess Intimat Konvenut lanqas jgharaf lill-istess uliedu kieku kellu jiltaqa' maghhom x'imkien.*

20. *Il-Qorti ghandha tapplika a favur tal-Intimat Konvenut l-artiklu 51 tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

21. *Il-Qorti ghandha tapplika l-artiklu 52 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-Intimat Konvenut fl-inkwadratura tat-tbaghtija fizika u psikologika li gie mgieghel isofri mir-Rikorrenti Attrici kif assistita minn familjari taghha ghal ragunijiet serji skond kif qed jirrizulta minn dan id-Dokument u skont il-provi li jitressqu fil-mori tal-Kawza.*

22. *Il-Qorti ghandha tapplika a favur l-Intimat Konvenut l-artiklu 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet gustifikati kemm fil-fatt u kif ukoll fil-ligi.*

23. *Din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tapplika sa fejn aplikabbli u fic-cirkostanzi li jkun aplikabbli mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi eccezzjonalissimi ta' din il-Kawza a bazi tal-fatti kif jirrizultaw fil-mori tal-Kawza l-artiklu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz id-diversi sub-artikli ta' dan l-artiklu 54 u inkluz ukoll id-diversi sub-incizi a bazi tal-Kapitlu 413, Kapitlu 318 tal-istess Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess tal-gustizzja u biex il-gustizzja tabilhaqq tidher li qed issir mal-Intimat Konvenut li safa vittma imcahhad minn uliedu biex jigu sodisfatti l-kapricci tar-Rikorrenti Attrici.*

24. *Ghandu jkun applikat l-artiklu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tmien (8) sub-artikli li fih u dan fil-mument opportun ta' din il-Kawza meta l-Qorti jidhrilha li l-Intimat Konvenut ma jkunx sejjer ibaghti pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-Komunjoni qabel is-Sentenza tal-Firda, u dan a bazi tal-provi mressqa fil-mori ta' din il-Kawza.*

25. *Illi artiklu 55A tal-Kapitlu 16 bid-diversi sub-incizi u sub-artikli tieghu ma jistax ikun aplikabbli f'din il-Kawza peress illi r-Rikorrenti Attrici ilha ma tikkoabita mal-Intimat Konvenut ghal aktar minn wiehed u tletin sena, kien hemm relattivament biss ftit snin ta' dan l-allegat zwieg, u kif jirrizulta mill-mori tal-Kawza r-Rikorrenti Attrici kellha w ghad ghandha diversi residenzi illi fic-cirkostanzi r-Rikorrenti Attrici zzomm id-diversi residenzi li ghandha*

*minghajr naturalment ma tindaga fuq l-Intimat Konvenut fejn dan jista' qieghed joqghod.*

26. *Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-artikoli 56 u 56A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artiklu 57 bid-diversi sub-artikli tieghu ma jistghu qatt ikunu aplikabbli f'din il-Kawza u dan ghar-ragunijiet li l-Onorabbli Qorti tiddetermina fosthom li l-Intimat Konvenut ma thalliex jara lil uliedu ghal aktar minn wiehed u tletin sena u llum dawn huma maggiorenni u kif stqarret l-istess Rikorrenti Attrici huma indipendenti apparti li huma adulti.*

27. *Galadarba r-Rikorrenti Attrici wara wiehed u tletin sena bl-ebda mod ma tikkomunika mal-Intimat Konvenut inkluz ma thallihx jara lil uliedu jekk huma uliedu, ikun opportun u konsiljabbli li jkun applikat l-artiklu 59 bis-sub-artikoli tieghu tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr pregudizzju ghal Talba li sejra ssegwi aktar 'l isfel f'din il-lista ta' Talbiet ghal hall taz-zwieg permezz ta' Divorzju.*

28. *Fic-cirkostanzi specjali ta' din il-Kawza l-artikoli 60 bis-sub-artikoli tieghu u 61 bis-sub-artikoli tieghu ma humiex aplikabbli ghal din il-Kawza.*

29. *Ghandu jkun applikat is-sub-artiklu (2) tal-artiklu 62 tal-Kodici Civili fejn ir-Rikorrenti Attrici tigi projbita milli tkompli tuza kunjom l-Intimat Konvenut wara l-Firda Legali u jekk ikun il-kaz id-Divorzju, u dan peress illi l-uzu tal-kunjom B da parti tar-Rikorrenti Attrici jista' jkun ta' pregudizzju gravi lill-Intimat Konvenut.*

30. *Ghandu jkun aplikat fic-cirkostanzi s-sub-artiklu (4) u s-sub-artiklu (5) tal-artiklu 62 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza partikolari ghal kunjom l-Intimat Konvenut.*

31. *Il-Qorti ghandha tordna l-aplikazzjoni tal-artiklu 62A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fir-rigward ta' effetti fir-rigward ta' terzi persuni.*

32. *Strettament minghajr pregudizzju, it-Talbiet kollha tar-Rikorrenti Attrici sa fejn huma validi ghandhom ikunu aplikabbli a favur tal-Intimat Konvenut u dan a bazi tal-provi li jirrizultaw mill-Atti Gudizzjarji u provi ohra li jitressqu u jigu prodotti fil-mori ta' din il-Kawza.*

33. *Din il-Kawza fil-parametri kollha taghha ghandu jkun applikat l-artiklu 66A bid-diversi sub-artikli u fejn l-Intimat Konvenut qieghed formalment jitlob id-Divorzju jew il-hall taz-zwieg skont kif inhu mahsub fil-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

34. *Ghandu jkun applikat ukoll l-artiklu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sa fejn aplikabbli fic-cirkostanzi specjali ta' dawn il-Proceduri u fil-medda ta' snin twal li ghaddew minhabba li r-Rikorrenti Attrici bl-ebda mod ma kkomunikat mal-Intimat Konvenut u lanqas b'ebda mod ma urietu lil uliedu jekk huwa l-kaz li huma uliedu.*

35. *Il-Qorti ghandha tapplika l-artikoli rilevanti mill-artiklu 66A sal-artiklu 66N bid-diversi sub-artikli sa fejn aplikabbli biex jigi mahlul dan l-allegat zwieg bejn il-Kontendenti Partijiet mehud in konsiderazzjoni li ghal aktar minn wiehed u tletin sena shah ma kien hemm ebda forma ta' kuntatt bejn il-Partijiet u lanqas ir-Rikorrenti Attrici ma halliet lill-ulied tal-Konvenut jekk huwa l-kaz jara lill-istess uliedu, u li bla dubju ta' xejn ma hemm ebda farka ta' xi intenzjoni illi ssir xi forma ta' rikonciljazzjoni bejn il-Kontendenti Partijiet konsiderando anka l-medda ta' tul enormi ta' snin li ghaddew bejn il-Kontendenti Partijiet u li ghalhekk hemm il-bazi kollu bhala fatt u fil-ligi biex dan iz-zwieg jinhall.*

36. *L-ispejjez kollha gudizzjarji w extra gudizzjarji ta' dawn il-Proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti Attrici stante li kienet hi li ghal wiehed u tletin sena shah minkejja diversi tentattivi fl-ewwel fazi ta' dawn il- wiehed u tletin sena da parti tal-Intimat Konvenut biex jaghmel kuntatt kemm mar-Rikorrenti Attrici kif ukoll ma' uliedu jekk huma uliedu, dan kien tort tal-istess Rikorrenti Attrici li dawn il-kuntatti ma sarux kif kienet mghejjuna minn familjari u terzi persuni fuq in-naha taghha.*

37. *Dawn il-Kontro-Talbiet kollha qeghdin isiru strettament minghajr pregudizzju ghall-Eccezzjonijiet in linea preliminari w Eccezzjonijiet ohra sollevati da parti tal-Intimat Konvenut fil-korp fl-intier tieghu ta' dan id-Dokument li jkopri r-Risposta Guramentata kif ukoll il-Kontro-Talbiet.*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2018, biex l-atti tal-medjazzjoni fl-istess ismijiet bin-numru 252/2018 BOB, u ismijiet inversili bin-numru 1607/2018 GG, jigu allegati ma dawn il-proceduri;

Rat illi l-partijiet permezz ta' abbozz debitament awtroizzat minn din il-Qorti, iffirmaw kuntrat ta' separazzjoni konsenswali, fl-atti tan-Nutar Dr.Patrick Critien fil-mori tal-kawza;

Rat illi konsegwentement l-partijiet irrinunzjaw ghat-talbiet kollha taghhom, inkluz dawk maghmula fil-kontro-talba salv dawk relatati mal-oghti tad-divorzju maghmula mill-intimat rikonvenjenti fil-kontro-talba tieghu;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**Dr.EB** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Dicembru 1979 u min dan iz-zwieg twieldu erbat' itfal, li llum il-gurnata huma kollha maggorenni. Xehed illi l-partijiet ottjenew s-separazzjoni personali fil-mori ta' din il-kawza permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-Atti tan-Nutar Dr. Patrick Critien. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament madwar wiehed u tletin (31) sena u li ghalhekk m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PB** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' Dr.EB.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom fil-21 ta' Dicembru 1979, l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien, debitament awtorizzat mill-Qorti.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal-fuq minn tletin sena ghalhekk certament ferm aktar minn erba' snin rikjest mil-Ligi. Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda tama ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**